

Il-Ġurnal Uffiċjali C 272

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 64

8 ta' Lulju 2021

Werrej

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2021/C 272/01	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.10328 — CDPQ/ATI/ATI European Communications Infrastructure Business) ⁽¹⁾	1
---------------	--	---

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

il-Kunsill

2021/C 272/02	Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi 2021-2025	2
---------------	---	---

Il-Kummissjoni Ewropea

2021/C 272/03	Rata tal-kambju tal-euro — Is-7 ta' Lulju 2021	29
---------------	--	----

Il-Qorti tal-Awdituri

2021/C 272/04	Rapport Speċjali Nru 12/2021 — Il-Prinċipju ta' Min Iniġġes Iħallas: Applikazzjoni inkonsistenti fil-politiki u fl-azzjonijiet ambjentali tal-UE	30
---------------	--	----

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Il-Kummissjoni Ewropea

2021/C 272/05	Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.10331 — Caisse des dépôts/Bain Capital/Digital Aftermarket) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ⁽¹⁾	31
2021/C 272/06	Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.10271 - LIXIL/Schüco/JV) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ⁽¹⁾	33
2021/C 272/07	Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.10346 — ICG/Circet) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ⁽¹⁾	34

ATTI OĦRAJN

Il-Kummissjoni Ewropea

2021/C 272/08	Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda, li ma hijiex minuri, fl-Ispesifikazzjoni tal-Prodott skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel	35
---------------	--	----

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

*(Komunikazzjonijiet)*KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U
AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**(Il-Każ M.10328 — CDPQ/ATI/ATI European Communications Infrastructure Business)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2021/C 272/01)

Fit 28 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħib in-numru 32021M10328. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

IV

*(Informazzjoni)*INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUNSILL

Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi 2021-2025*(2021/C 272/02)***WERREJ***Paġna*

Introduzzjoni	3
I. Tnaqqis fil-provvista tad-drogi: titjib tas-sigurtà	4
II. Tnaqqis fid-domanda għad-drogi: prevenzjoni, trattament u servizzi tal-kura	10
III. Indirizzar tal-ħsara relatata mad-drogi	15
IV. Kooperazzjoni internazzjonali	18
V. Riċerka, innovazzjoni u prospettiva	21
VI. Koordinazzjoni, governanza u implimentazzjoni	22
ANNEX I – INDIKATURI ĠENERALI GĦALL-PJAN TA' AZZJONI TAL-UE DWAR ID-DROGI 2021-2025	25
ANNEX II – GLOSSARJU TA' AKRONIMI	27

INTRODUZZJONI

L-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi 2021-2025 (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Istrateġija") tipprovdi l-qafas politiku ġenerali u l-prijoritajiet għall-politika tal-Unjoni Ewropea dwar id-drogi għall-perijodu 2021-2025. Il-qafas, l-għan u l-oġġettivi tal-Istrateġija jservu bħala l-bażi għall-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi mill-2021 sal-2025 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Pjan ta' Azzjoni").

L-Istrateġija għandha l-għan li tipproteġi u ttejjeb il-benesseri tas-soċjetà u tal-individwu, li tipproteġi u tippromwovi s-saħħa pubblika, li toffri livell għoli ta' sigurtà u benessere għall-pubbliku ġenerali u li żżid l-għarfien dwar is-saħħa. L-Istrateġija tiegħu approċċ ibbażat fuq l-evidenza, integrat, ibbilanċjat u multidixxiplinarju għall-fenomeni tad-drogi fil-livell nazzjonali, tal-UE u dak internazzjonali. Tinkorpora wkoll perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u tal-ekwità tas-saħħa.

Il-Pjan ta' Azzjoni għandu l-għanijiet u l-oġġettivi tal-Istrateġija, isegwi l-approċċ tagħha u jibni fuq l-istess dokumenti u informazzjoni bħalha. Il-Pjan ta' Azzjoni huwa bbażat fuq il-prinċipji, il-valuri u d-dispożizzjonijiet legali li jinsabu fil-bażi tal-Istrateġija. Fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija, il-Pjan ta' Azzjoni jindirizza l-isfidi eżistenti u li qed jevolvu tal-fenomeni tad-drogi, filwaqt li jqis it-tagħlimiet meħuda mill-pandemija tal-COVID-19 u jieħu approċċ orjentat lejn il-futur biex jiġu antiċipati l-isfidi.

Il-Pjan ta' Azzjoni jippreżenta l-azzjonijiet li għandhom jiġu implimentati biex jinkisbu l-ħdax-il prijorità strateġika tal-Istrateġija. L-azzjonijiet huma stipulati skont it-tliet oqsma ta' politika tal-Istrateġija:

- Tnaqqis fil-provvista tad-drogi: titjib tas-sigurtà,
- Tnaqqis fid-domanda għad-drogi: prevenzjoni, trattament u servizzi tal-kura, u
- Indirizzar tal-ħsara relatata mad-drogi

u t-tliet temi trażversali tal-Istrateġija:

- Kooperazzjoni internazzjonali,
- Riċerka, innovazzjoni u prospettiva u
- Koordinazzjoni, governanza u implimentazzjoni.

Sal-2025, il-prijoritajiet u l-azzjonijiet fil-qasam tad-drogi illeċiti, ikkoordinati permezz tal-Istrateġija u implimentati permezz tal-Pjan ta' Azzjoni, għandhom iħallu impatt ġenerali fuq aspetti ewlenin tas-sitwazzjoni tad-drogi fl-UE. L-implimentazzjoni koerenti, effettiva u effiċjenti tal-miżuri għandha kemm tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, ta' stabbiltà soċjali u ta' sigurtà, kif ukoll tikkontribwixxi għas-sensibilizzazzjoni. Kwalunkwe konsegwenza negattiva potenzjali mhux intenzjonata assoċjata mal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet għandha tiġi minimizzata, u d-drittijiet tal-bniedem u l-iżvilupp sostenibbli għandhom jiġu promossi.

Fit-tfassil tal-azzjonijiet, tqieset il-ħtieġa li dawn ikunu bbażati fuq l-evidenza, xjentifikament korretti, realistiċi, marbuta biż-żmien u li jistgħu jitkejlu b'rilevanza u valur miżjud ċari għall-UE.

Il-Pjan ta' Azzjoni jallinja l-prijoritajiet u l-azzjonijiet strateġiċi, ma' skeda ta' żmien speċifika li għandha tiġi żviluppata, lista ta' partijiet responsabbli u sett ta' indikaturi bbażati fuq il-mekkaniżmi ta' rappurtar eżistenti. Dawn ma jinvolvux piż ta' rappurtar addizzjonali. Huma jiffaċilitaw il-kejl tal-effettività ġenerali tal-Pjan ta' Azzjoni.

Il-Kummissjoni, filwaqt li tqis l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri u mis-SEAE, u disponibbli mill-EMCDDA, l-Europol u korpi rilevanti oħra tal-UE, kif ukoll mis-soċjetà ċivili, ser tissorvelja l-implimentazzjoni tal-Istrateġija u tal-Pjan ta' Azzjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Presidenza u l-Grupp ta' Ħidma Orizzontali dwar id-Drogi (HDG), u ser tagħti bidu għal evalwazzjoni esterna ġenerali tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija u tal-Pjan ta' Azzjoni.

Ir-riżultati ta' din l-evalwazzjoni ser jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill hekk kif ikunu disponibbli, u sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2025, sabiex jiġu diskussi fil-fora rilevanti u b'mod partikolari fl-HDG. Dawn id-diskussjonijiet ser jiffurmaw il-bażi għad-definizzjoni tal-iżvilupp futur tal-politika tal-UE dwar id-drogi u ċ-ċiklu li jmiss tal-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi li għandhom jiġu approvati mill-Kunsill.

Prijorità strateġika 1: Tfixkil u żmantellar ta' gruppi ta' kriminalità organizzata relatata mad-drogi b'riskju għoli li joperaw fl-Istati Membri tal-UE, joriġinaw fihom jew jolqtuhom; indirizzar tar-rabtiet ma' theddid ieħor għas-sigurtà u titjib fil-prevenzjoni tal-kriminalità

Azzjoni	Qasam ta' prijorità	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli ⁽¹⁾
Azzjoni 1 Titjib ulterjuri tal-EMPACT (Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali) (i) abbażi tal-evalwazzjoni indipendenti tagħha tal-2020 u billi titqies l-EU SOCTA 2021; (ii) abbażi tas-sejbiet u tar-rakkomandazzjonijiet mir-Rapporti annwali Ewropej dwar id-Drogi mill-EMCDDA u mir-Rapport tal-UE dwar is-Swieq tad-Drogi mill-EMCDDA u mill-Europol; u (iii) f'konformità mat-tagħlimiet meħuda mill-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-swieq tad-drogi. Il-partijiet ikkonċernati kollha għandhom jistinkaw biex jallinjaw l-EMPACT minn naħa waħda, u l-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi min-naħa l-oħra, bl-aħjar mod possibbli f'termini kemm ta' proċess kif ukoll ta' kontenut. Żieda fil-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni kemm fil-livell tal-infurzar tal-liġi kif ukoll fil-livell ġudizzjarju sabiex jinkisbu riżultati investigattivi aktar tanġibbli, inkluż permezz tal-EMPACT, kif ukoll skambju ta' informazzjoni akbar dwar gruppi ta' kriminalità organizzata relatata mad-drogi, domestiċi u internazzjonali, u użu akbar tal-Applikazzjoni ta' Network għall-Iskambju Sikur ta' Informazzjoni (SIENA).	1.1. Mira fuq gruppi ta' kriminalità organizzata ta' riskju għoli attivi madwar l-UE u fi swieq tad-drogi transfruntiera; stabbiliment ta' prijoritajiet f'sinerġija maċ-ċiklu ta' politika tal-UE għall-kriminalità internazzjonali organizzata u serja (EMPACT); tfixkil tal-mudelli ta' negozju kriminali, speċjalment dawk li jrawmu l-kollaborazzjoni bejn gruppi ta' kriminalità organizzata differenti; u indirizzar tar-rabtiet ma' theddid ieħor għas-sigurtà.	2021-2025	Stati Membri Kunsill tal-UE Kummissjoni Ewropea Europol EMCDDA Frontex Eurojust SEAE
Azzjoni 2 Tisħiħ tal-kondiviżjoni u l-analiżi tal-informazzjoni bejn l-infurzar tal-liġi u aġenziji rilevanti oħra: 2.1 dwar il-produzzjoni, it-traffikar u d-distribuzzjoni tad-drogi illeċiti. Dan għandu jinkludi, fost l-oħrajn, skambju immedjat tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri f'każijiet ta' qbid ta' kwantitajiet kbar ta' drogi, l-identifikazzjoni ta' kriminali b'riskju għoli, networks u strutturi kriminali, kif ukoll referenzi internazzjonali. 2.2 relatata ma' forom oħra ta' kriminalità serja li huma marbuta mal-kriminalità relatata mad-drogi, bħall-vjolenza, l-omiċidju, il-korruzzjoni, il-ħasil tal-flus, it-traffikar ta' bnedmin, it-traffikar tal-migranti, it-traffikar tal-armi tan-nar u t-terroriżmu.	1.1 1.2 It-traċċar, ir-rintraċċar, l-iffriżar u l-konfiska tar-rikavat u tal-istrumenti użati tal-gruppi ta' kriminalità organizzata involuti fis-swieq tad-drogi illeċiti.	2021-2025	Stati Membri Kunsill tal-UE Kummissjoni Ewropea Europol EMCDDA Frontex Eurojust SEAE
Azzjoni 3 Titjib fl-investigazzjonijiet dwar gruppi ta' kriminalità organizzata u networks kriminali relatati mad-drogi li joħlqu l-ogħla riskju għas-sigurtà fl-UE permezz ta' proċess tal-għażla tal-miri ta' valur għoli stabbilit mill-Istati Membri bl-appoġġ tal-Europol. Parti integrali minn dawn l-investigazzjonijiet għandha tinvolvi t-traċċar tal-assi u investigazzjonijiet finanzjarji biex iwasslu għall-konfiska effettiva tar-rikavat minn reati relatati mad-drogi. Żgurar ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni akbar f'attivitajiet	1.1 1.2	2021-2025	Stati Membri Kunsill tal-UE Kummissjoni Ewropea Europol Eurojust

Azzjoni	Qasam ta' priorità	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli (1)
operazzjonali (bħall-konsenja kkontrollata tad-drogi u timijiet ta' investigazzjoni konġunti) fl-UE u bejn l-Istati Membri, pajjiżi terzi rilevanti u l-Europol; anki żieda fil-kooperazzjoni mal-Eurojust dwar il-prosekuzzjoni ġudizzjarja relatata.			
Azzjoni 4 Żgurar li l-Istati Membri jagħtu aċċess rapidu lill-awtoritajiet kompetenti għall-informazzjoni finanzjarja sabiex ikunu jistgħu jwettqu investigazzjonijiet finanzjarji effettivi dwar gruppi ta' kriminalità organizzata relatata mad-drogi, inkluż billi: (i) jagħmlu użu sħiħ mill-informazzjoni miżmuma mill-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja (UIF) skont il-kondizzjonijiet stabbiliti mid-Direttiva dwar l-użu ta' informazzjoni finanzjarja (id-Direttiva (UE) 2019/1153); (ii) jagħmlu użu aktar effettiv mill-informazzjoni miġbura mill-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi sabiex jidentifikaw u jintraċċaw il-profitti marbuta mat-traffikar tad-drogi, fid-dawl tal-possibbiltà sussegwenti li jiġu ffriżati u kkonfiskati; (iii) isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom mal-prosekuturi u l-imħallfin li fl-aħħar mill-aħħar huma responsabbli biex japplikaw għall-ordnijiet u l-mandati ta' ffriżar u konfiska meħtieġa għat-tfittxija u s-sekwestru u biex joħroġuhom. Żieda fit-taħriġ għas-servizzi tal-infurzar tal-liġi u għall-investigaturi ġudizzjarji u għall-unitajiet speċjalizzati lokali u reġjonali ddedikati għas-sekwestri ta' assi kriminali.	1.2	2021-2025	Stati Membri Kunsill tal-UE Kummissjoni Ewropea Europol Eurojust Cepol
Azzjoni 5 Żieda fil-kooperazzjoni attiva u reċiproka u stabbiliment ta' rabtiet aħjar bejn l-awtoritajiet tat-taxxa/doganali u l-infurzar tal-liġi sabiex (i) jissaħħu l-investigazzjonijiet, (ii) jiġu mikxufa attivitajiet ta' haġal tal-flus ibbażati fuq il-kummerċ; (iii) jiġu mfixkla l-attivitajiet kriminali u (iv) il-profitti mis-swieq tad-drogi ma jitħallewx imorru lura f'attivitajiet li jżidu l-kriminalità jew fl-ekonomija legali. L-Istati Membri huma mħeġġa jibnu l-għarfien espert u r-riżorsi tagħhom dwar sistemi bankarji u ta' trasferiment ta' flus alternattivi użati minn gruppi ta' kriminalità organizzata relatati mad-drogi (eż. Hawala).	1.2	2021-2025	Stati Membri Kunsill tal-UE Kummissjoni Ewropea Europol
Azzjoni 6 Identifikazzjoni u priorittizzazzjoni tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi b'riskju għoli mill-perspettiva tal-produzzjoni u tal-kuntrabandu tad-drogi f'tentattiv li jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-Istati Membri għal informazzjoni finanzjarja u għal informazzjoni oħra sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti li jinvestigaw u jressqu għall-prosekuzzjoni reati kriminali relatati mad-drogi u li jwettqu investigazzjonijiet finanzjarji, u sussegwentement, li jiġi ttraċċat u rintraċċat r-rikavat kriminali relatat mad-drogi u jiġi żgurat li ordnijiet ta' qbid u ta' konfiska bbażati fl-UE jiġu eżegwiti.	1.2	2021-2025	Kunsill tal-UE Stati Membri Kummissjoni Ewropea Europol Eurojust SEAE

Azzjoni	Qasam ta' prijorità	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli ⁽¹⁾
Azzjoni 7 Titjib fil-possibbiltajiet biex jiġi ttrattat il-kriptaġġ f'konformità mar-riżoluzzjoni dwar is-sigurtà permezz tal-kriptaġġ u s-sigurtà minkejja l-kriptaġġ adottat mill-Kunsill f'Diċembru 2020, u metodi oħra ġodda relatati mat-teknoloġija użati minn organizzazzjonijiet kriminali attivi fis-swieq tad-drogi biex jevitaw li jinkixfu u biex jaħbu l-komunikazzjonijiet tagħhom. F'dan il-kuntest, il-kapaċitajiet analitiċi u tekniċi tal-Europol biex jappoġġa lill-Istati Membri f'dan il-qasam għandhom jissaħħu u l-assistenza legali reċiproka għandha tiġi ffaċilitata u msaħħa, b'mod partikolari fir-rigward ta' miżuri standard (eż. l-identifikazzjoni tal-abbonati) biex jitjieb l-iskambju ta' informazzjoni.	1.1 1.2	2021-2025	Stati Membri Kunsill tal-UE Kummissjoni Ewropea Europol Eurojust
Azzjoni 8 Wara l-konfiska effettiva tal-assi, jiġi kkunsidrat l-użu mill-ġdid sikur u sigur tal-mezzi strumentali maqbuda u kkonfiskati bħala appoġġ tal-miżuri għat-tnaqqis tad-domanda u tal-provvista tad-drogi, f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali. Il-Kummissjoni Ewropea ser tikkunsidra ulterjorment il-konfiska effettiva tal-assi fl-ambitu tar-reviżjoni possibbli tad-Direttiva dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea (id-Direttiva 2014/42/UE).	1.1 1.2	2021-2025	Kummissjoni Ewropea Kunsill tal-UE Stati Membri
Azzjoni 9 (i) Promozzjoni u appoġġ tal-ħidma u tal-aħjar prattiki tan-Network Ewropew għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità (EUCPN) u ta' proġetti rilevanti oħra bl-għan li jitnaqqas ir-reċidiviżmu fost it-trasgressuri żgħażaġh b'rabta ma' reati relatati mad-drogi; (ii) tħeġġiġ ta' strateġiji komprensivi bbażati fuq l-evidenza f'żoni li jesperjenzaw livelli għolja ta' disponibbiltà ta' drogi u ta' kriminalità relatata mad-drogi u (iii) appoġġ għal miżuri li joħolqu ambjent aktar protettiv għall-komunitajiet affettwati mill-konsum u mill-bejgħ tad-drogi jew minn kriminalità relatata mad-drogi, f'konformità ma' standards ta' kwalità rikonoxxuti internazzjonalment ⁽²⁾ .	1.3 Prevenzjoni ta' kriminalità relatata mad-drogi b'enfasi partikolari fuq il-ħtieġa li tiġi miġġielda l-vjolenza, tiġi limitata l-korruzzjoni u jiġi indirizzat l-isfruttament ta' gruppi vulnerabbli billi jiġu indirizzati l-fatturi sottostanti li jwasslu għall-involvement tagħhom fis-swieq tad-drogi illeċiti.	2021-2025	EUCPN Stati Membri Kunsill tal-UE Kummissjoni Ewropea EMCDDA

⁽¹⁾ Il-partijiet ikkonċernati elenkati bħala partijiet responsabbli huma l-partijiet ikkonċernati involuti fl-implimentazzjoni tal-azzjoni kkonċernata. L-involvement tal-partijiet responsabbli għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għandu jkun f'konformità mar-rwol rispettiv tagħhom kif definit fil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni u fil-mandat tagħhom.

⁽²⁾ Standards Internazzjonali tal-UNODC/WHO dwar il-Prevenzjoni tal-Użu tad-Drogi

Prijorità strateġika 2: Żieda fil-kxif tat-traffikar illeċitu bl-ingrossa tad-drogi u tal-prekursuri tad-drogi fil-punti tad-dħul u tal-ħruġ tal-UE

Azzjoni	Qasam ta' prijorità	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli
Azzjoni 10 Appoġġ għall-attivitajiet fil-punti ta' dħul u ta' ħruġ għat-traffikar tad-drogi billi jissaħħaħ u jiġi promoss l-istabbiliment ta' analiżi tar-riskju tal-pulizija u doganali, ta' metodi ta' investigazzjoni, u ta' politiki, kontrolli u proċeduri rilevanti oħra għall-għieda kontra t-traffikar tad-drogi. Żgurar tal-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni strutturati kif ukoll tal-iskambju f'ħin reali ta' intelligence dwar il-kriminalità u ta' investigazzjonijiet ikkoordinati fl-UE bl-użu tas-servizzi tal-aġenziji rilevanti tal-UE bħall-Europol u l-Frontex sabiex jiġu appoġġati l-Istati Membri. L-Istati Membri għandhom ukoll jiżguraw li l-iskambju ta' informazzjoni f'ħin reali fost l-awtoritajiet kompetenti fil-punti ta' dħul/ħruġ ikun direttament konness ma' SIENA.	2.1 Jiġu miġġielda l-kuntrabandu tad-drogi u prekursori tad-drogi fl-UE u barra minnha bl-użu ta' kanali kummerċjali leġittimi stabbiliti.	2021-2025	Stati Membri Kunsill tal-UE Kummissjoni Ewropea Europol Frontex
Azzjoni 11 Appoġġ lill-Istati Membri fl-iżvilupp ta' teknoloġiji effettivi ta' skrinjar li kapaċi jikxfu d-drogi u l-prekursuri tad-drogi għall-kontejners, it-trakkijiet u l-bastimenti, b'enfasi fuq portijiet ewlenin, ajruporti, stazzjonijiet tal-ferrovija u punti ewlenin ta' qsim tal-fruntiera tal-art.	2.1	2021-2025	Stati Membri Kunsill tal-UE Kummissjoni Ewropea Europol Frontex
Azzjoni 12 Titjib tal-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni strukturati bejn id-dwana u l-Frontex, il-Europol u l-EMCDDA fi ħdan il-mandati rispettivi tagħhom, kif ukoll l-iskambju ta' informazzjoni doganali, bil-għan li dawn ikunu interoperabbli u jkunu jistgħu jiġu kkombinata ma' dawk tas-servizzi tal-infurzar tal-liġi u tal-kontroll fil-fruntieri, fejn ikun il-każ. Żieda fil-ħila esperta doganali fil-Europol, u tisħiħ tal-kapaċità tal-gwardji tal-fruntiera tal-Frontex sabiex jikxfu t-traffikar tad-drogi fil-fruntieri tal-UE.	2.1	2021-2025	Stati Membri Kunsill tal-UE Kummissjoni Ewropea Europol Frontex EMCDDA
Azzjoni 13 Stabbiliment tar-rabtiet u l-kooperazzjoni meħtieġa mal-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili u marittimi rilevanti, fejn xieraq permezz ta' ftehimiet formali, sabiex jiġu żgurati investigazzjonijiet effettivi u effiċjenti u l-kxif tad-drogi fl-ajruporti u fil-portijiet, filwaqt li jitqiesu r-regolamenti u l-istrumenti internazzjonali rilevanti maħruġa mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali. Tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali mal-awtoritajiet marittimi u tal-avjazzjoni ċivili f'pajjiżi sħab importanti tul ir-rotot ewlenin tat-traffikar tad-drogi, fejn ikun il-każ permezz ta' ftehimiet formali.	2.1 2.2 Żieda fil-monitoraġġ tal-qsim tal-fruntieri li mhumiex parti mill-kanali kummerċjali stabbiliti għall-prevenzjoni aktar effettiva tal-qsim illeċitu jew mhux iddikjarat tal-fruntieri esterni tal-UE.	2021-2025	Stati Membri Kunsill tal-UE Kummissjoni Ewropea Europol Frontex SEAE
Azzjoni 14 Tkompli tal-finanzjament u l-forniment ta' mudell sostenibbli fit-tul ta' governanza liċ-Ċentru għall-Analiżi u l-Operazzjonijiet Marittimi - Narkotiċi (MAOC-N). Żgurar ta' skambju ta' informazzjoni u ta' kooperazzjoni mal-aġenziji rilevanti tal-UE.	2.2.	2021-2025	Kummissjoni Ewropea MAOC-N Stati Membri Kunsill tal-UE Europol

Azzjoni	Qasam ta' prijorità	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli
			Frontex EMCDDA
Azzjoni 15 Żvilupp ulterjuri tal-pjattaforma ta' fużjoni tal-intelligence dwar id-drogi fil-Europol, inkluż rabtiet ma' aġenziji rilevanti tal-UE u mal-MAOC-N, u titjib tal-iskambju ta' informazzjoni u tal-azzjonijiet investigattivi ma' pajjiżi terzi u reġjuni li huma sors ewleni jew ċentri ta' tranżitu ewlenin għad-drogi li jaffettwaw lill-Istati Membri, f'konformità mal-leġislazzjoni applikabbli. Użu tas-servizzi tal-Europol biex jiġu appoġġati u promossi attivitajiet relatati u biex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni mal-uffiċjali ta' kollegament bilaterali tal-Istati Membri diġà mqiegħda fiċ-ċentri ġeografiċi tad-drogi.	2.2	2021-2025	Kummissjoni Ewropea Europol Frontex MAOC-N Stati Membri Kunsill tal-UE SEAE
Azzjoni 16 Konklużjoni ta' ftehimiet bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi fejn ikunu jinsabu ċ-ċentri tat-traffikar tad-drogi, li jippermettu lill-aġenziji rilevanti tal-UE bħall-Europol u l-Frontex jiskambjaw informazzjoni u data, inkluż data personali u operazzjonali, fejn ikun il-każ.	2.2	2021-2025	Kummissjoni Ewropea Europol Frontex Kunsill tal-UE SEAE

Prijorità strateġika 3: Indirizzar tal-isfruttar tal-kanali loġistiċi u diġitali għad-distribuzzjoni tad-drogi illeċiti f'volum medju u żgħir u żieda tal-qabdiet ta' kuntrabandu ta' sustanzi illeċiti permezz ta' dawn il-kanali f'kooperazzjoni mill-qrib mas-settur privat

Azzjoni	Qasam ta' prijorità	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli
Azzjoni 17 Monitoraġġ tal-postijiet tas-suq fuq l-internet u d-darknet għad-drogi billi tiġi implimentata l-azzjoni preparatorja proposta mill-Parlament Ewropew dwar il-monitoraġġ 24 siegħa kuljum tad-darknet sabiex jiġu żgurati riżultati komprensivi ⁽¹⁾ . Tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-EMCDDA u tal-Europol f'dan il-qasam.	3.1. Indirizzar tas-swieq tad-drogi illeċiti ffaċilitati diġitalment.	2021-2025	Kummissjoni Ewropea EMCDDA Europol Stati Membri Kunsill tal-UE
Azzjoni 18 Analiżi tal-fattibbiltà operazzjonali ta' kif is-servizzi postali u rapidi jistgħu jikxfu u jipprevjenu d-distribuzzjoni ta' sustanzi illeċiti f'oġġetti postali ⁽²⁾ . Konklużjoni ta' Memoranda ta' Qbil bl-oġġettiv li tittejjeb il-kooperazzjoni bejn is-servizzi tal-infurzar tal-liġi, id-dwana, is-servizzi postali u rapidi u l-fornituri ta' pagamenti elettroniċi.	3.2. Tqegħid fil-mira tat-traffikar tad-drogi permezz ta' servizzi postali u rapidi.	2021-2025	Kummissjoni Ewropea Kunsill tal-UE Stati Membri Europol EMCDDA

Azzjoni	Qasam ta' prijorità	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli
Azzjoni 19 Promozzjoni tal-iżvilupp, l-użu u l-iskambju tal-aħjar prattiki u tagħmir fost l-Istati Membri dwar il-monitoraġġ ta' oġġetti postali suspettużi billi jintużaw soluzzjonijiet bħal klieb ta' kxif u/jew magni tar-raġġi X. B'mod partikolari, jeħtieġ li jiġi eżaminat ir-rwol ta' teknoloġiji ġodda u speċjalment tal-intelliġenza artifiċjali, filwaqt li jiġi ppreżervat id-dritt fundamentali tal-privatezza tal-korrispondenza.	3.2	2021-2025	Stati Membri Kummissjoni Ewropea Kunsill tal-UE
Azzjoni 20 Sensibilizzazzjoni dwar il-ħtieġa li l-azzjonijiet ikunu ffukati fuq il-kanali tat-traffikar tad-drogi li bħalissa mhumiex issorveljati biżżejjed mis-servizzi tal-infurzar tal-liġi, billi jiġu stabbiliti jew imsaħħa l-metodi ta' sorveljanza u ta' investigazzjoni għall-portijiet marittimi u tax-xmajjar, l-ajrudromi, l-istazzjonijiet ferrovjarji u l-vendi tax-xarabanks ta' importanza sekondarja. Involvement tal-aġenziji rilevanti tal-UE sabiex jappoġġaw lill-Istati Membri f'dawn l-attivitajiet fi ħdan il-mandati rispettivi tagħhom.	3.3. Tisħiħ tal-metodi ta' monitoraġġ u ta' investigazzjoni tal-kanali ferrovjarji u tax-xmajjar madwar l-UE u tal-ispazju tal-avjazzjoni ġenerali.	2021-2025	Stati Membri Kunsill tal-UE Kummissjoni Ewropea Europol EMCDDA

(¹) Għad-dettalji, ara l-Punt 18 02 77 04 — Azzjoni preparatorja — Monitoraġġ tad-Darknet ikkoordinat mill-UE għall-ġlieda kontra attivitajiet kriminali, fil-paġna 61 tal-Anness 3 dwar ir-rimarki baġitarji tal-PP/PA.

(²) Oġġett postali: oġġett indirizzat fil-forma finali li jkun ser jinġarr fiha minn fornitur tas-servizz postali. Minbarra oġġetti ta' korrispondenza, dawn l-oġġetti jinkludu wkoll, pereżempju, kotba, katalogi, gazzetti, perjodiċi u pakketti postali li jkun fihom merkanzija b'valur kummerċjali jew mingħajr valur kummerċjali.

Prijorità strateġika 4 : Żmantellar tal-produzzjoni illeċita tad-drogi u l-ġlieda kontra l-kultivazzjoni illeċita; prevenzjoni tad-devjazzjoni u t-traffikar tal-prekursuri tad-drogi għall-produzzjoni illeċita tad-drogi; u indirizzar tal-ħsara ambjentali

Azzjoni	Qasam ta' prijorità	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli
Azzjoni 21 Identifikazzjoni, traċċar u żmantellar ta' faċilitajiet illeċiti li jipproduċu d-drogi fl-UE, inkluż billi jiġu mmirati l-prekursuri u l-prekursuri tad-disinjaturi, billi jittejjbu u jsir użu aħjar mill-investigazzjonijiet forensiċi u l-intelligence u billi jiġu żviluppati u estiżi t-tekniki ta' kxif, filwaqt li jsir użu aħjar tas-sħubiji pubbliku-privat u jittejjeb ir-rappurtar ta' tranżazzjonijiet suspettużi.	4.1. Ġlieda kontra l-produzzjoni illeċita tad-drogi sintetiċi u l-kultivazzjoni illeċita tad-drogi.	2021-2025	Stati Membri Kummissjoni Ewropea Europol EMCDDA
Azzjoni 22 Kunsiderazzjoni tat-tnedija ta' studju li jivvaluta l-effettività tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI tal-25 ta' Ottubru 2004 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet minimi dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u ta' pjeni fil-qasam tat-traffikar illeċitu ta' drogi, bil-ħsieb li jiġu emendati l-aspetti possibbilment skaduti u jissaħħu oqsma kif ikun meħtieġ, inkluż id-dispożizzjonijiet dwar is-sustanzi psikoattivi ġodda (SPG).	4.1	2021-2022	Kummissjoni Ewropea Stati Membri

Azzjoni	Qasam ta' prijorità	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli
Azzjoni 23 Indirizzar tal-isfidi ewlenin identifikati mill-evalwazzjoni tar-regolamenti dwar il-prekursuri tad-drogi, b'mod partikolari l-ħtieġa li tiġi indirizzata l-isfida li jgħibu magħhom il-prekursuri tad-disinjaturi.	4.2. Indirizzar tad-devjazzjoni u t-traffikar tal-prekursuri tad-drogi u l-iżvilupp ta' sustanzi kimiċi alternattivi.	2021-2022	Kummissjoni Ewropea Stati Membri Kunsill tal-UE
Azzjoni 24 Spinta lill-attivitajiet operazzjonali tal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni tagħhom mal-awtoritajiet amministrattivi u ma' partijiet rilevanti oħra fir-rigward tal-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali relatata mal-produzzjoni u t-traffikar ta' drogi illeċiti, it-trasferiment, il-kustodja u l-ħżin ta' drogi, prekursori u tagħmir sekwestrat, u l-qerda u t-trattament tal-iskart prodott, kif ukoll il-kostijiet assoċjati tagħhom fejn possibbli. Żvilupp ta' teknoloġiji ta' kxif, skambju ta' informazzjoni u investigazzjonijiet koordinati bl-involvement tal-aġenziji rilevanti tal-UE biex jappoġġaw lill-Istati Membri, inkluż biex jiġi żviluppat metodu komprensiv rigward l-implimentazzjoni u l-koordinazzjoni ta' rimi tal-iskart effiċjenti u li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent.	4.3. Indirizzar tal-kriminalità ambjentali relatata mal-produzzjoni u t-traffikar ta' drogi illeċiti.	2021-2025	Stati Membri Kunsill tal-UE Kummissjoni Ewropea Europol Eurojust EMCDDA

II - TNAQQIS FID-DOMANDA GĦAD-DROGI: PREVENZJONI, TRATTAMENT U SERVIZZI TAL-KURA

Prijorità strateġika 5: Prevenzjoni tal-użu tad-drogi u sensibilizzazzjoni dwar l-effetti negattivi tad-drogi

Azzjoni	Qasam ta' prijorità	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli
Azzjoni 25 Implimentazzjoni u, fejn meħtieġ, żieda fid-disponibbiltà ta' interventi u strateġiji ta' prevenzjoni ambjentali u universali bbażati fuq l-evidenza, ibbażati fuq il-ħiliet għall-ħajja. Dawn għandhom jindirizzaw ir-rabtiet bejn id-dipendenzi għas-sustanzi illegali, kif ukoll għal dawk legali, u d-dipendenzi tal-imġiba.	5.1. Provvista, implimentazzjoni u, fejn meħtieġ, żieda fid-disponibbiltà ta' interventi u strateġiji ta' prevenzjoni ambjentali u universali bbażati fuq l-evidenza għal gruppi u ambjenti fil-mira, sabiex tiżdied ir-reżiljenza u jissaħħu l-ħiliet għall-ħajja u l-ġħazliet tal-ħajja tajbin għas-saħħa.	2021-2025	Stati Membri Kunsill tal-UE Kummissjoni Ewropea EMCDDA
Azzjoni 26 Espansjoni u promozzjoni ta' kampanji edukattivi madwar l-UE, b'kont meħud tal-ħtiġijiet lokali u reġjonali, immirati lejn il-familji, l-ġħalliema, il-ħaddiema soċjali u dawk	5.1	2022-2025	Kummissjoni Ewropea Stati Membri tal-EMCDDA Kunsill tal-UE

Azzjoni	Qasam ta' prijorità	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli
li jieħdu d-deċiżjonijiet lokali, biex jiżdied l-għarfien tagħhom u jiġu appoġġati biex iżidu l-għarfien tagħhom dwar is-saħħa u jippromwovu mgħiba pożittiva, stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħa, u ambjent sikur għaż-żgħażaġh u għal gruppi oħra, bil-għan li ma jitħallewx jieħdu drogi illeċiti u jinvolvu ruħhom f'imġiba ta' riskju u fi kriminalità/attivitajiet relatati mas-suq tad-drogi.			
Azzjoni 27 Żieda fid-disponibbiltà ta' informazzjoni affidabbli dwar il-prevenzjoni, inkluż mudelli effettivi ta' prevenzjoni, kif disponibbli fuq il-Portal tal-Aħjar Prattiki tal-EMCDDA u inkoraġġiment tal-adozzjoni usa' ta' programmi ta' prevenzjoni li wrew li huma effettivi, inkluż attivitajiet innovattivi b'effettività dimostrabbli.	5.1	2022-2025	Stati Membri Kunsill tal-UE Kummissjoni Ewropea EMCDDA
Azzjoni 28 Promozzjoni tal-inklużjoni ta' messaġġi preventivi b'effettività dimostrabbli fil-mezzi tal-komunikazzjoni u tal-media soċjali indirizzati liż-żgħażaġh u lil gruppi vulnerabbli oħra. Introduzzjoni ta' komunikazzjonijiet ta' riskju ta' twissija rapida mmirati u notifikati ta' intelligence meta jitfaċċaw fis-suq sustanzi perikolużi, inkluż SPG, jew theddid emerġenti ieħor, inkluż, fejn ikun il-każ u f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali, bl-użu ta' informazzjoni mill-kontroll tad-drogi.	5.2. Provvista, implimentazzjoni u, fejn meħtieġ, żieda fid-disponibbiltà ta' interventi ta' prevenzjoni bbażati fuq l-evidenza mmirati lejn iż-żgħażaġh u gruppi vulnerabbli oħra.	2021-2025	Kummissjoni Ewropea EMCDDA Stati Membri Kunsill tal-UE
Azzjoni 29 Previżjoni u żieda fl-approċċ ta' sħubija fil-provvista ta' miżuri ta' prevenzjoni selettivi u indikati effettivi u bbażati fuq l-evidenza biex jiġi evitat l-iżvilupp ta' mgħiba ta' riskju u titnaqqas il-progressjoni f'disturbi fl-użu tad-drogi gravi, fost dawk li jesperjenzaw żvantaġġi multipli, bħall-problema ta' persuni mingħajr dar, dijanjożi doppja, migranti, refuġjati u vittmi tal-vjolenza, inkluż il-vjolenza abbażi tal-ġeneru. Barra minn hekk, għaż-żgħażaġh f'diversi kuntesti, inkluż l-iskejjel, il-familji u l-komunità, f'kuntesti rikreattivi u fuq il-post tax-xogħol, kif ukoll persuni f'ambjenti ta' riskju għoli, għandhom ikunu ffaċilitati sforzi ta' kollaborazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati kollha, inkluż il-ġenituri u l-familji, dawk li jaħdmu fl-edukazzjoni jew f'networks ta' appoġġ għall-familja, is-servizzi taż-żgħażaġh, l-unjonijiet tal-istudenti, l-organizzazzjonijiet sportivi u n-networks ta' persuni li jużaw id-drogi. L-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri tista' sserraħ fuq professjonisti mħarrġa, b'mod partikolari mill-kura tas-saħħa primarja, biex jidentifikaw aħjar il-kwistjonijiet tal-użu tas-sustanzi u jinkludu l-użu ta' interventi qosra u bikrija, u jutilizzaw komunikazzjoni diġitali għidha dwar is-saħħa u l-mezzi tal-media soċjali.	5.3. Provvista, implimentazzjoni u, fejn meħtieġ, żieda fid-disponibbiltà ta' miżuri ta' intervent bikri bbażati fuq l-evidenza.	2021-2025	Stati Membri Kunsill tal-UE Kummissjoni Ewropea EMCDDA

Azzjoni	Qasam ta' prijorità	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli
Azzjoni 30 Promozzjoni u allokazżjoni ta' finanzjament suffiċjenti għall-edukazzjoni, it-taħriġ u l-iżvilupp professjonali kontinwu għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, il-mexxejja tal-opinjoni u l-professionisti dwar l-aħħar evidenza xjentifika dwar l-użu tad-drogi u l-prevenzjoni tad-dipendenza, inkluż xejriet ġodda ta' konsum, anki bl-użu ta' għodod online, u b'mod partikolari, promozzjoni tal-implimentazzjoni tal-Istandards ta' Kwalità Ewropej għall-Prevenzjoni tad-Drogi (EDPQS), l-Istandards Internazzjonali dwar il-Prevenzjoni tal-Użu tad-Drogi tal-UNODC/WHO u l-korsijiet ta' taħriġ tal-Kurrikulu Ewropew għall-Prevenzjoni (EUPC).	5.4. Tixrid tal-aħħar evidenza xjentifika dwar il-prevenzjoni lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u lill-prattikanti u t-taħriġ għalihom.	2022-2025	Stati Membri Kunsill tal-UE Kummissjoni Ewropea EMCDDA
Azzjoni 31 Implimentazzjoni ta' attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni dwar ir-riskji tas-sewqan taħt l-effett tad-drogi u tixrid tal-aħjar prattiki ta' ttestjar u mudelli ta' intervent bikri mmirati b'mod speċjali lejn is-sewwieqa żgħażaġh. Appoġġ ta' riċerka u innovazzjoni ta' għodod ta' kxi tad-drogi fuq il-post u esplorazzjoni tal-possibbiltà li jiġu inklużi konsiderazzjonijiet dwar id-drogi fir-Rakkomandazzjoni tal-UE dwar il-kontenut ta' alkoħol fid-demm permess għas-sewwieqa.	5.5. Indirizzar tas-sewqan taħt l-effett tad-drogi.	2021-2025	Stati Membri Kunsill tal-UE Kummissjoni Ewropea EMCDDA

Prijorità strateġika 6: Żgurar tal-aċċess għat-trattament u s-servizzi ta' kura u tal-aċċess usa' għalihom

Azzjoni	Qasam ta' prijorità	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli
Azzjoni 32 Żvilupp u żgurar ta' aċċess volontarju, mhux diskriminatorju u sensitiv għall-ġeneru għal trattament tad-drogi effettiv u bbażat fuq l-evidenza, inkluż terapija ta' manutenzjoni bl-opjojdi ċċentrata fuq il-persuna, tnaqqis tar-riskju u l-ħsara, servizzi ta' riabilitazzjoni, reintegrazzjoni soċjali u appoġġ għall-irkupru inkluż servizzi komprensivi għall-persuni b'komorbidità. Żgurar li dawn is-servizzi jkunu kkoordinati tajjeb fil-livell tas-servizz fuq il-prinċipju tal-ġestjoni tal-każijiet biex tkun provduta l-firxa sħiħa ta' kura u jkunu kemm effettivi kemm jista' jkun kif ukoll iffukati fuq l-istadji tal-ħajja, b'enfasi partikolari fuq il-persuni mingħajr dar u l-persuni vulnerabbli. Dawn il-miżuri, ibbażati fuq l-Istandards Internazzjonali tal-WHO/UNODC għat-Trattament ta' Disturbi Relatati mal-Użu tad-Drogi, għandhom jindirizzaw ukoll l-użu ta' diversi drogi, persuni li jużaw id-drogi u li qed jixxjehu, il-ħtiġijiet tal-familji ta' persuni li jużaw id-drogi u pazjenti b'dipendenza koeżistenti fuq id-drogi u dipendenzi fiżjoloġiċi jew tal-imġiba oħra.	6.1. Żgurar ta' aċċess volontarju għal trattament u servizzi ta' kura li jaħdmu f'koordinazzjoni u kollaborazzjoni mill-qrib ma' servizzi oħra ta' appoġġ soċjali u tas-saħħa.	2021-2025	Stati Membri Kunsill tal-UE Kummissjoni Ewropea EMCDDA

Azzjoni	Qasam ta' priorità	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli
Azzjoni 33 Żvilupp u implimentazzjoni ta' taħriġ għall-persunal li jaħdem fis-servizzi tat-trattament u l-kura u għal dawk li jitrattaw problemi relatati ma'd-drogi f'servizzi ġeneriċi ta' appoġġ tas-saħħa jew soċjali, abbażi ta' miżuri bbażati fuq l-evidenza, filwaqt li jiġu identifikati kurrikuli li jkopru kemm kompetenzi bażiċi kif ukoll dawk avvanzati u tiġi mħeġġa l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u sħubiji bejn il-fornituri tat-taħriġ.	6.1	2021-2025	Stati Membri Kunsill tal-UE Kummissjoni Ewropea EMCDDA
Azzjoni 34 Appoġġ tal-innovazzjoni fil-forniment tat-trattament u titjib u promozzjoni tal-użu ta' opzjonijiet elettroniċi u mobbli għall-forniment tas-saħħa u ta' farmakoterapiji ġodda sabiex jiġi żgurat l-aċċess għat-trattament mid-drogi għall-gruppi kollha fil-mira. Valutazzjoni tal-effettività ta' dawn l-approċċi mal-possibbiltà li jiġu estiżi dawk l-interventi li rriżultaw l-aktar effettivi.	6.1	2021-2025	Stati Membri Kunsill tal-UE Kummissjoni Ewropea EMCDDA
Azzjoni 35 Rikonoxximent u promozzjoni ta' sensibilizzazzjoni bejn il-pari u ta' ħidma fi gruppi bejn il-pari. Appoġġ għall-opportunitajiet biex jiżiedu ħaddiema pari mal-forza tax-xogħol tat-trattament multidixxiplinari. Stedina lil pari esperti għall-gruppi ta' ħidma u seduti ta' smigħ.	6.2. Promozzjoni ta' ħidma bejn il-pari.	2021-2025	Stati Membri Kunsill tal-UE Kummissjoni Ewropea EMCDDA
Azzjoni 36 Identifikazzjoni, indirizzar u tnaqqis tal-ostakli għall-aċċess għat-trattament tad-drogi, it-tnaqqis tar-riskji u l-ħsara, ir-riabilitazzjoni u l-irkupru soċjali, speċjalment fir-rigward tal-ostakli demografiċi u personali u żgurar li l-kura tas-saħħa u s-servizzi soċjali jiġu ffinanzjati u jkunu adatti għall-ħtiġijiet u l-karatteristiċi ewlenin tal-gruppi ta' klijenti tagħhom, u kunsiderazzjoni tar-realtajiet ġodda, jiġifieri l-pandemija tal-COVID-19.	6.3. Identifikazzjoni tal-ostakli għall-aċċess għat-trattament u rimeđu għalihom u żgurar u, fejn meħtieġ, estensjoni tal-kopertura tas-servizzi ta' trattament u ta' kura abbażi tal-ħtiġijiet individwali.	2021-2025	Stati Membri Kunsill tal-UE Kummissjoni Ewropea EMCDDA
Azzjoni 37 Estensjoni tal-bażi ta' evidenza dwar problemi relatati mal-kannabis, inkluż dawk relatati ma' kannabinojdi sintetiċi, u titjib tal-intendiment kemm tal-ħtiġijiet ta' trattament kif ukoll ta' x'jikkostitwixxi interventi effettivi b'rispons għal dawn is-sustanzi.	6.3		Stati Membri Kunsill tal-UE Kummissjoni Ewropea EMCDDA
Azzjoni 38 Tkompli u żvilupp ulterjuri tal-implimentazzjoni tal-istandards ta' kwalità minimi tal-UE adottati mill-Kunsill fl-2015 ⁽¹⁾ u l-linji gwida bbażati fuq l-evidenza fil-linji gwida u l-programmi nazzjonali.	6.3	2021-2025	Stati Membri Kunsill tal-UE Kummissjoni Ewropea EMCDDA

Azzjoni	Qasam ta' prijorità	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli
Azzjoni 39 Żvilupp u forniment ta' taħriġ għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, għal min iħaddem u għall-professjonisti, dwar l-istigma marbuta mal-użu tad-drogi u mad-disturbi relatati mal-użu tad-drogi, u mas-saħħa mentali, u kunsiderazzjoni tal-impatt li din l-istigma seta' kellha fuq il-pazjenti meta ngħataw il-kura. Dan għandu jsir bl-involviment ta' persuni li esperjenzaw stigma relatata mad-drogi.	6.4. Tnaqqis tal-istigma.	2021-2025	Stati Membri Kunsill tal-UE Kummissjoni Ewropea EMCDDA
Azzjoni 40 Identifikazzjoni u tnaqqis tal-ostakli għat-trattament u l-użu ta' servizzi oħra għan-nisa li jużaw id-drogi, u żgurar li s-servizzi relatati mad-drogi jirrispondu għall-ħtiġijiet tan-nisa eż. inklużjoni ta' appoġġ għall-indukrar tat-tfal. Tnedija ta' sforzi ta' ħidma biex jintlaħqu n-nisa li jużaw id-drogi u żieda fl-għarfien dwar it-trattament iċċentrat fuq in-nisa disponibbli u indirizzar ukoll tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru fir-rigward tan-nisa li jużaw id-drogi. Żgurar li n-nisa li jkunu vittmi ta' vjolenza u li jużaw id-drogi jkollhom aċċess kemm għall-prevenzjoni tad-drogi kif ukoll għall-appoġġ u t-trattament sabiex jtkisser iċ-ċiklu tal-użu tad-drogi u l-vulnerabbiltà għall-vjolenza.	6.5. Implimentazzjoni wiesgħa tat-trattament u l-kura li jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi tan-nisa.	2021-2025	Stati Membri Kunsill tal-UE Kummissjoni Ewropea EMCDDA
Azzjoni 41 Forniment ta' servizzi li jistgħu jindirizzaw id-diversità li teżisti fost gruppi bi bżonnijiet ta' kura speċjali fir-rigward tal-użu problematiku tad-drogi, inkluż il-komorbidità, anke permezz tal-involviment ta' mudelli ta' kura li jirrikonoxxu l-ħtieġa għal sħubijiet bejn is-servizzi bejn il-fornituri tal-kura tas-saħħa, tas-servizzi relatati maż-żgħażaġh u tal-kura soċjali, u gruppi ta' pazjenti/persuni li jieħdu ħsiebhom.	6.6. Implimentazzjoni ta' mudelli ta' kura li huma adatti għal gruppi bi bżonnijiet ta' kura speċjali.	2021-2025	Stati Membri Kunsill tal-UE Kummissjoni Ewropea EMCDDA
Azzjoni 42 Promozzjoni u implimentazzjoni ta' attivitajiet ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet u ta' sensibilizzazzjoni rigward l-aċċess għas-sustanzi kkontrollati u d-disponibbiltà tagħhom għal finijiet mediċi u xjentifiċi, b'kont meħud tar-riskju ta' użu ħażin u devjazzjoni u f'dan ir-rigward, forniment ta' ħarsa ġenerali tal-evidenza aġġornata dwar l-użu ta' sustanzi kkontrollati għal finijiet mediċi u xjentifiċi.	6.7. Forniment u, fejn meħtieġ, titjib fl-aċċess għal sustanzi għal finijiet mediċi u xjentifiċi, fid-disponibbiltà tagħhom u fl-użu adatt tagħhom.	2021-2025	Stati Membri Kunsill tal-UE Kummissjoni Ewropea EMCDDA Aġenzija Ewropea għall-Mediċini

(¹) Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi 2013-2016 dwar standards ta' kwalità minimi fit-tnaqqis tad-domanda għad-drogi fl-Unjoni Ewropea 11985/15.

Prijorità strateġika 7: Interventi għat-tnaqqis tar-riskju u l-ħsara u miżuri oħra għall-protezzjoni u l-appoġġ ta' persuni li jużaw id-drogi

Azzjoni	Qasam ta' prijorità	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli
Azzjoni 43 Żamma u fejn meħtieġ titjib tal-aċċess għal miżuri effettivi għat-tnaqqis tar-riskju u l-ħsara, iggwidati wkoll mill-istandards minimi ta' kwalità tal-UE fit-tnaqqis tad-domanda għad-drogi, bħal programmi ta' labar u siringi, trattament b'agonist tal-opjojde, interventi bbażati fuq il-pari u programmi ta' sensibilizzazzjoni, f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali. Dawn il-miżuri jeħtieġu wkoll li jtejbu s-sitwazzjoni soċjali tal-persuni li jużaw id-drogi, l-akkomodazzjoni, is-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom, l-impjieg u l-edukazzjoni, inkluż programmi li jużaw l-appoġġ tal-pari u inizjattivi ta' awtoassistenza. Estensjoni ulterjuri tal-iskambju tal-aħjar prattiki f'dan il-qasam fost l-Istati Membri, u ma' sħab bħal pajjiżi terzi, reġjuni u organizzazzjonijiet internazzjonali, u implimentazzjoni u promozzjoni ta' taħriġ professjonali dwar dawn il-miżuri.	7.1. Tnaqqis tal-prevalenza u inċidenza tan-numru ta' mard infettiv relatat mad-drogi u eżiti negattivi oħra tas-saħħa u dawk soċjali.	2021-2025	Stati Membri Kunsill tal-UE Kummissjoni Ewropea EMCDDA
Azzjoni 44 Żamma u, fejn meħtieġ, żieda fil-miżuri biex titnaqqas il-prevalenza ta' mard infettiv relatat mad-drogi, b'mod partikolari d-dijanjożi bikrija tal-Epatite C u l-HIV/AIDS, il-promozzjoni tal-ittestjar rapidu u l-awtotestjar għall-HIV u programmi ta' sensibilizzazzjoni biex jintlaħqu l-aktar persuni vulnerabbli. Fejn meħtieġ, titjib tal-aċċess għat-trattament wara d-dijanjożi biex tinqered l-epatite C u tintlaħaq il-mira tal-UNAIDS 90-90-90 għall-2030. Promozzjoni tad-dijanjożi tat-tuberkulożi fost il-persuni li jużaw id-drogi u l-persuni mingħajr dar.	7.1	2021-2025	Stati Membri Kunsill tal-UE Kummissjoni Ewropea EMCDDA
Azzjoni 45 Titjib u żieda fil-kapaċità li tidentifika, tivvaluta u twieġeb, fil-livelli nazzjonali u tal-UE u permezz tas-Sistema ta' Twissija Bikrija tal-UE dwar is-SPG, għal xejriet u żviluppi ġodda fl-użu tad-drogi, inkluż bidliet minħabba tifqigħat epidemiċi.	7.1	2021-2025	Stati Membri Kunsill tal-UE Kummissjoni Ewropea EMCDDA ECDC
Azzjoni 46 Tkomplija tat-tnaqqis fl-imwiet relatati mad-drogi u d-dożi eċċessivi mhux fatali (inkluż ir-rwol tal-użu polisustanza), billi jiġu introdotti, jinżammu u, fejn meħtieġ, jittejbu miżuri biex jitnaqqsu d-dożi eċċessivi fatali u mhux fatali, u miżuri oħra ta' tnaqqis tar-riskju u tal-ħsara u miżuri ta' politika, fejn xieraq u f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali, inkluż: (i) trattament b'agonist tal-opjojde, inkluż programmi għat-teħid tan-nalossin id-dar; (ii) faċilitajiet ta' konsum tad-drogi sorveljati; (iii) approċċi innovattivi li jinkludu s-saħħa diġitali għal persuni li jużaw drogi stimulanti u għaż-żgħażaġh f'ambjenti ta' divertiment notturn, bħal ħidma ta' sensibilizzazzjoni mmexxija mill-pari, xogħol fit-toroq online f'fora tal-utent jew verifika tad-	7.2. Prevenzjoni ta' doża eċċessiva u mwiet relatati mad-drogi.	2021-2025	Stati Membri Kunsill tal-UE Kummissjoni Ewropea EMCDDA

Azzjoni	Qasam ta' prijorità	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli
drogi. Appoġġ għat-taħriġ, l-evalwazzjoni ta' approċċi effettivi u l-iskambju tal-aħjar prattiki f'dan il-qasam u aktar titjib tal-monitoraġġ u r-rappurtar f'ħin reali ta' intossikazzjonijiet mhux fatali u mwiet minn doża eċċessiva madwar l-UE, bil-ħsieb li tiġi żviluppata mira ġenerali għat-tnaqqis fl-imwiet relatati mad-drogi fl-UE.			
Azzjoni 47 Tisħiħ tal-isforzi għall-kondiviżjoni tad-data forensika u tossikoloġika: (i) titjib tal-metodi analitiċi, l-ittestjar u l-promozzjoni ta' tekniki ġodda; (ii) skambjar tal-aħjar prattiki u l-iżvilupp ta' taħriġ konġunt; (iii) żieda fil-kooperazzjoni maċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni u mal-EMCDDA, u permezz ta' networks eżistenti, bħan-network REITOX ta' Punti Fokali, il-Grupp ta' Ħidma dwar id-Drogi tan-Network Ewropew tal-Istituti tax-Xjenza Forensika u n-Network Ewropew tal-Laboratorji Doganali. Żvilupp u rakkomandazzjoni għall-implimentazzjoni ta' sett ta' linji gwida Ewropej dwar it-tossikoloġija forensika għal investigazzjonijiet ta' mwiet relatati mad-drogi.	7.2	2021-2025	Stati Membri Kunsill tal-UE Kummissjoni Ewropea EMCDDA
Azzjoni 48 Promozzjoni u inkoraġġiment għall-parteċipazzjoni attiva u sinifikattiva u l-involvement tas-soċjetà ċivili, inkluż l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, iż-żgħażaġh, il-persuni li jużaw id-drogi, il-klijenti tas-servizzi relatati mad-drogi, il-komunità xjentifika u esperti oħra fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki dwar id-drogi u l-ġhoti ta' livell adatt ta' riżorsi għas-servizzi kollha tad-drogi u għall-involvement tas-soċjetà ċivili.	7.3. Promozzjoni tal-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili u żgurar ta' finanzjament sostenibbli.	2021-2025	Stati Membri Kunsill tal-UE Kummissjoni Ewropea EMCDDA
Azzjoni 49 Żieda tad-disponibbiltà, l-implimentazzjoni effettiva, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-miżuri pprovduti bħala alternattivi għal sanzjonijiet koerċittivi għal trasgressuri ⁽¹⁾ li jieħdu d-drogi u għal persuni taħt arrest preventiv qabel is-smigħ tal-kawża, arrestati, akkużati bi jew misjuba ħatja ta' reati relatati mad-drogi jew persuni li jinstabu fil-pussess ta' drogi għall-użu personali, bħal (sospensjoni tas-sentenza bi) trattament, riabilitazzjoni u rkupru, u riintegrazzjoni soċjali, f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali. Segwitu għall-Istudju dwar alternattivi għal sanzjonijiet koerċittivi bħala rispons għal reati tal-liġi dwar id-drogi u reati relatati mad-drogi konkluż fl-2016, eż. permezz ta' Rakkomandazzjoni possibbli tal-Kummissjoni dwar is-suġġett li jiġu rrispettati l-approċċi nazzjonali differenti dwar il-kwistjoni u l-kompetenza tal-Istati Membri li jilleġiżlaw f'dan il-qasam. Produzzjoni ta' data aktar komprensiva u fil-fond, inkluż dwar l-ostakli għall-implimentazzjoni, u l-kondiviżjoni u l-iskambju tal-aħjar prattiki dwar alternattivi għal sanzjonijiet koerċittivi, inkluż riċerka dwar ir-reazzjonijiet għal reati relatati mad-drogi ta' konsum tad-drogi u/jew pussess tad-drogi għall-użu personali, b'kont meħud tad-differenzi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri.	7.4. Provvista ta' alternattivi għal sanzjonijiet koerċittivi.	2021-2025	Stati Membri Kunsill tal-UE Kummissjoni Ewropea EMCDDA

⁽¹⁾ It-terminu "alternattivi għal sanzjonijiet koerċittivi" jista', skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri, jirreferi wkoll għall-alternattivi li jintużaw minflok jew flimkien mal-miżuri tradizzjonali tal-ġustizzja kriminali għal trasgressuri li jieħdu d-drogi (ara l-Konklużjonijiet tal-Kunsill: Promozzjoni tal-użu ta' alternattivi għal sanzjonijiet koerċittivi għal trasgressuri li jieħdu d-drogi, 8 ta' Marzu 2018).

Prijorità strateġika 8: Indirizzar tal-ħtiġijiet soċjali u tas-saħħa tal-persuni li jieħdu d-drogi f'ambjent ta' ħabs u wara li jinħelsu

Azzjoni	Qasam ta' prijorità	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli
Azzjoni 50 Żgurar tas-servizzi tad-drogi bbażati fuq l-evidenza, inkluż it-trattament b'agonist tal-opjojde, ir-riabilitazzjoni u l-irkupru, l-iżvilupp ta' mudell kontinwu ta' kura f'ambjenti ta' ħabs u s-servizz ta' probazzjoni għat-trasgressuri li jieħdu d-drogi, flimkien ma' dispożizzjonijiet biex titnaqqas l-istigma. Huwa essenzjali li jingħata aċċess kontinwu għal servizzi ta' drogi bbażati fuq l-evidenza, ekwivalenti għal dawk mogħtija fil-komunità.	8.1. Żgurar tal-ekwivalenza u l-kontinwità tal-provvediment tal-kura tas-saħħa fil-ħabs u mis-servizzi tal-probazzjoni.	2021-2025	Stati Membri Kunsill tal-UE Kummissjoni Ewropea EMCDDA
Azzjoni 51 Faċilitazzjoni tal-iżvilupp ta' rispons ta' politika bbilanċjat u komprensiv għall-kwistjonijiet tad-drogi fil-ħabsijiet u l-għoti ta' linji gwida għall-Istati Membri għal dan il-għan.	8.1	2024	Kummissjoni Ewropea EMCDDA Stati Membri Kunsill tal-UE
Azzjoni 52 Żieda fl-aċċess għall-ittestjar u t-trattament ta' infezzjonijiet li jittieħdu mid-demm flimkien ma' miżuri preventivi oħra bbażati fuq l-evidenza li jnaqqsu r-riskji għas-saħħa assoċjati mal-użu tad-drogi f'ambjenti ta' ħabs bl-istess mod kif isir fil-komunità, implimentati minn persunal jew pari mħarrġa tajjeb.	8.2. Implimentazzjoni ta' miżuri f'ambjent ta' ħabs ibbażati fuq l-evidenza biex jiġi pprevenut u jitnaqqas l-użu tad-drogi u l-konsegwenzi tiegħu fuq is-saħħa, inkluż miżuri biex jiġu indirizzati r-riskju ta' mwiet relatati mad-drogi u t-trażmissjoni ta' viruses li jittieħdu mid-demm.	2021-2025	Stati Membri Kunsill tal-UE Kummissjoni Ewropea EMCDDA
Azzjoni 53 Tnaqqis tad-dożi eċċessivi u l-mortalità relatata mad-drogi fil-ħabs u meta jinħelsu, billi jiġi pprovdut taħriġ ta' sensibilizzazzjoni dwar id-dożi eċċessivi u fejn possibbli t-teħid tan-nalossion id-dar. Meta t-trasgressuri li jieħdu d-drogi jinħelsu mill-ħabs għandhom jingħataw aċċess għall-kura tas-saħħa u s-servizzi soċjali, l-impjiegi, l-akkomodazzjoni u l-appoġġ għar-riintegrazzjoni fis-soċjetà.	8.3. Provvediment ta' prevenzjoni ta' dożi eċċessivi u servizzi ta' riferiment biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-kura mal-ħelsien.	2021-2025	Stati Membri Kunsill tal-UE Kummissjoni Ewropea EMCDDA
Azzjoni 54 Implimentazzjoni ta' taħriġ għall-persunal tal-ħabsijiet biex jitjieb il-kxif tad-drogi li jkunu deħlin fil-ħabsijiet, jiżdied l-għarfien dwar il-problema, u jiġu implimentati risponsi għad-drogi relatati mas-saħħa abbażi tal-evidenza fl-ambjent tal-ħabs. Żieda fil-kooperazzjoni mal-infurzar tal-liġi u aġenziji rilevanti oħra.	8.4. Restrizzjoni tad-disponibbiltà ta' drogi fil-ħabsijiet.	2021-2025	Stati Membri Kunsill tal-UE Kummissjoni Ewropea EMCDDA Eurojust

IV - KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI

Prijorità strateġika 9: Tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali ma' pajjiżi terzi, reġjuni, organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali, u fuq livell multilaterali biex jiġu segwiti l-approċċ u l-oġġettivi tal-Istrateġija, inkluż fil-qasam tal-iżvilupp. Titjib tar-rwol tal-UE bħala medjatur globali għal politika dwar id-drogi ċċentrata fuq in-nies u orjentata lejn id-drittijiet tal-bniedem

Azzjoni	Qasam ta' prijorità	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli
Azzjoni 55 Kontribuzzjoni għat-tfassil tal-aġenda internazzjonali għall-politika dwar id-drogi f'konformità mal-approċċ u l-oġġettivi tal-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi 2021-2025, inkluż billi jiżdied il-pass tal-implimentazzjoni ta' impenji multilaterali konġunti bħall-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, id-dokument ta' eżitu tas-Sessjoni Speċjali tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (UNGASS) 2016 u fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu tad-Dikjarazzjoni Ministerjali tal-Kummissjoni tal-2019 dwar id-Drogi Narkotiċi fl-2024.	9.1. Tiswir kontinwu tal-aġendi internazzjonali u multilaterali rigward il-politika dwar id-drogi.	2021-2025	Stati Membri Kunsill tal-UE Kummissjoni Ewropea SEAE
Azzjoni 56 Tisħiħ tas-sħubiji mal-UNODC, id-WHO, l-INCB u korpi rilevanti oħra tan-NU, inkluż b'appoġġ għall-Pożizzjoni Komuni tas-Sistema tan-NU, u korpi, organizzazzjonijiet u inizzjattivi internazzjonali u reġjonali rilevanti, b'enfasi fuq il-politiki dwar id-drogi, is-saħħa, id-drittijiet tal-bniedem u l-iżvilupp u b'appoġġ għar-riċerka globali bbażata fuq l-evidenza u l-għbir ta' data.	9.1	2021-2025	Stati Membri Kunsill tal-UE Kummissjoni Ewropea SEAE
Azzjoni 57 Tkompli u tisħiħ, kif adatt, ta' djalogi jew laqgħat stabbiliti dwar id-drogi ma' sħab fil-Balkani tal-Punent, is-Sħubija tal-Lvant, l-Asja Ċentrali u l-Amerka Latina u l-Karibew, kif ukoll mar-Russja, l-Istati Uniti, iċ-Ċina u l-Iran.	9.2. Żgurar ta' livell sostenibbli ta' djalogu u ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar l-istrateġiji, l-għanijiet u l-inizzjattivi rilevanti ma' pajjiżi terzi u reġjuni.	2021-2025	Stati Membri Kunsill tal-UE Kummissjoni Ewropea EMCDDA Europol SEAE
Azzjoni 58 L-użu mill-Grupp ta' Dublin tal-potenzjal tiegħu u l-potenzjal tar-rapporti reġjonali tiegħu biex janalizza u jiskambja fehmiet dwar is-sitwazzjoni tad-drogi f'diversi reġjuni tad-dinja, u dwar modi kif tiġi indirizzata din is-sitwazzjoni.	9.2	2021-2025	Stati Membri Kunsill tal-UE Kummissjoni Ewropea SEAE EMCDDA Europol
Azzjoni 59 L-HDG għandu jorganizza diskussjonijiet bil-ħsieb li tiġi vvalutata r-rilevanza tat-tnedija ta' djalogi jew laqgħat iddedikati ġodda dwar id-drogi ma' pajjiżi u/jew reġjuni prijoritarji oħra, b'kont meħud tar-rilevanza strateġika tagħhom mill-perspettiva tad-drogi u r-relazzjonijiet tal-UE, u l-approvazzjoni tal-oġġettivi, l-ambitu u l-modalitajiet ta' tali djalogi jew laqgħat.	9.2	2021-2025	Stati Membri Kunsill tal-UE Kummissjoni Ewropea SEAE

Azzjoni	Qasam ta' priorità	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli
Azzjoni 60 Tisħiħ, fejn rilevanti, tar-rwol tal-aġenziji tal-UE, speċjalment l-EMCDDA u l-Europol, iżda anke l-Eurojust, fil-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tad-drogi, b'mod li jiżgura sinerġiji mar-rwol ta' atturi internazzjonali oħra, u, fejn rilevanti, b'mod li jippromwovi l-komplementarjetà ma' għodod u standards internazzjonali, u l-iżgurar ta' rappurtar regolari u f'waqtu ta' informazzjoni rilevanti u operazzjonali bejn il-programmi ta' kooperazzjoni u dawn l-aġenziji tal-UE.	9.3 Trawwim ta' kooperazzjoni internazzjonali bl-involvement ulterjuri ta' aġenziji kompetenti tal-UE skont il-mandati rispettivi tagħhom.	2021-2025	Kummissjoni Ewropea EMCDDA Europol Eurojust Stati Membri Kunsill tal-UE SEAE
Azzjoni 61 Tisħiħ tal-inizjattivi u l-programmi ta' kooperazzjoni eżistenti fejn possibbli u rilevanti, abbażi ta' evalwazzjonijiet regolari u jekk applikabbli jiġu mnedija oħrajn ġodda biex jappoġġaw l-isforzi ta' pajjiżi terzi u sħab oħra biex jindirizzaw sfidi relatati mad-drogi, inkluż fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' saħħa pubblika, żvilupp, sikurezza u sigurtà, kif ukoll id-drittijiet tal-bniedem.	9.4. Tkompilja u stabbiliment ta' programmi ġodda ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi jew reġjuni u sħab oħra abbażi ta' evalwazzjonijiet regolari ta' programmi bħal dawn.	2021-2025	Kummissjoni Ewropea SEAE Stati Membri Kunsill tal-UE
Azzjoni 62 Provvediment ta' assistenza u appoġġ tekniku u mmirat, kif meħtieġ, lill-pajjiżi kandidati u daww kandidat potenzjali biex jiġi ffaċilitat l-allinjament tagħhom mal-acquis tal-UE fil-qasam tad-drogi.	9.4	2021-2025	Kummissjoni Ewropea EMCDDA Europol Stati Membri Kunsill tal-UE SEAE
Azzjoni 63 Trawwim ta' sinerġiji, inkluż billi jiġi żgurat l-iskambju ta' informazzjoni fi ħdan l-HDG, dwar programmi ta' kooperazzjoni relatati mad-drogi ma' pajjiżi terzi ffinanzjati mill-UE u/jew mill-Istati Membri.	9.4	2021-2025	Kummissjoni Ewropea Stati Membri Kunsill tal-UE SEAE
Azzjoni 64 Tisħiħ tal-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni internazzjonali tal-UE fl-oqsma tal-prevenzjoni tal-kriminalità relatata mad-drogi, l-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja, inkluż ir-rabtiet possibbli mat-terroriżmu, il-kriminalità organizzata u forom oħra ta' kriminalità tranżnazzjonali, kif definit fil-qafas legali tan-NU u f'konformità sħiħa mal-obbligi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem. Il-kooperazzjoni internazzjonali għandha tissaħħaħ ukoll biex tiġi żgurata l-għieda kontra l-ħasil tal-flus u fil-qasam tal-qbid u l-konfiska tal-assi.	9.5. Indirizzar tal-aspetti kollha ta' politika tal-Istrateġija fil-kooperazzjoni internazzjonali, inkluż fl-oqsma tas-sigurtà u l-kooperazzjoni ġudizzjarja kif ukoll l-aspetti relatati mas-saħħa tal-kwistjonijiet fil-qasam tad-drogi.	2021-2025	Kummissjoni Ewropea Europol Eurojust SEAE Stati Membri Kunsill tal-UE

Azzjoni	Qasam ta' prijorità	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli
Azzjoni 65 Titjib tal-kooperazzjoni internazzjonali biex jiġu indirizzati l-aspetti relatati mas-saħħa tal-użu tad-drogi, speċjalment fl-oqsma tal-prevenzjoni, it-trattament, it-tnaqqis tar-riskju u l-ħsara, ir-riintegrazzjoni soċjali, u alternattivi għal sanzjonijiet koerċittivi f'konformità mal-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem. Il-kooperazzjoni internazzjonali għandha tissaħħaħ ukoll għall-promozzjoni ta' aċċess aħjar ta' sustanzi kkontrollati għal skopijiet mediċi u xjentifiċi, u d-disponibbiltà tagħhom.	9.5	2021-2025	Kummissjoni Ewropea SEAE Stati Membri Kunsill tal-UE
Azzjoni 66 Promozzjoni ulterjuri ta' approċċ integrat għall-Iżvilupp Alternattiv f'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Iżvilupp Alternattiv ⁽¹⁾ (2018), f'kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi ⁽²⁾ .	9.6. Tisħiħ tal-impenn għall-politiki dwar id-drogi orjentati lejn l-iżvilupp u miżuri ta' żvilupp alternattivi.	2021-2025	Kummissjoni Ewropea SEAE Stati Membri Kunsill tal-UE
Azzjoni 67 Tisħiħ tal-impenn u l-ġħoti ta' livell xieraq ta' finanzjament u għarfien espert tal-UE u tal-Istati Membri għal programmi ta' żvilupp alternattiv u interventi marbuta miegħu ta' politika dwar id-drogi bl-iżvilupp fil-qalba tagħhom fi ħdan il-qafas tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u skont il-kriterji tal-Kumitat ta' Għajjnuna għall-Iżvilupp (DAC) tal-OECD lil hinn minn fokus esklussiv fuq indikaturi ta' monitoraġġ tal-għelejjel tad-drogi illeċiti u l-iżgurar tas-sjeda fost komunitajiet fil-mira.	9.6	2021-2025	Kummissjoni Ewropea SEAE Stati Membri Kunsill tal-UE
Azzjoni 68 Żgurar tal-monitoraġġ, il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem ikunu integrati bis-sħiħ fir-relazzjonijiet tal-UE ma' pajjiżi terzi, reġjuni u organizzazzjonijiet internazzjonali, u l-assistenza esterna lilhom, u b'kont meħud, fost l-oħrajn, ta' partijiet differenti tal-Linji Gwida Internazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Politika dwar id-Drogi kif rilevanti.	9.7. Protezzjoni u promozzjoni tal-osservanza tal-istandards u l-obbligi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem fil-politiki globali dwar id-drogi.	2021-2025	SEAE Kummissjoni Ewropea Stati Membri Kunsill tal-UE
Azzjoni 69 Affermazzjoni mill-ġdid tal-oppożizzjoni qawwija u inekwivoka tal-UE għall-piena tal-mewt fiċ-ċirkostanzi kollha, inkluż għal reati relatati mad-drogi, u promozzjoni tal-prinċipju ta' rispons adegwat, proporzjonat u effettiv għal reati relatati mad-drogi.	9.7	2021-2025	SEAE Kummissjoni Ewropea Stati Membri Kunsill tal-UE

⁽¹⁾ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Iżvilupp Alternattiv: "Lejn Fehim Ġdid tal-Iżvilupp Alternattiv u Interventi Marbuta Miegħu ta' Politika dwar id-Drogi bl-Iżvilupp fil-Qalba Tagħhom – il-Kontribut għall-Implimentazzjoni ta' UNGASS 2016 u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU".

⁽²⁾ b'kont meħud tal-kondizzjonijiet ta' qafas speċifiċi, inkluż: żgurar ta' konformità sħiħa mal-obbligi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u adeżjoni mal-prinċipji tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, in-nonkundizzjonalità, in-nondiskriminazzjoni u sekwenzjar xieraq meta jiġu ddiżinjati, implimentati u evalwati programmi ta' żvilupp alternattiv, kif ukoll jiġu enfasizzati l-kunsiderazzjonijiet ambjentali u klimatiċi marbuta mal-kultivazzjoni illeċita ta' għelejjel tad-drogi u l-produzzjoni tad-drogi.

V - RIĊERKA, INNOVAZZJONI U PROSPETTIVA

Prijorità strateġika 10: Bini ta' sinerġiji biex l-UE u l-Istati Membri tagħha jingħataw il-bażi komprensiva bbażata fuq ir-riċerka u l-evidenza u l-kapaċitajiet ta' prospettiva neċessarji biex ikun possibbli approċċ aktar effettiv, innovattiv u ħafif għall-kumplessità dejjem akbar tal-fenomeni tad-drogi, u biex jissaħħaħ l-istat ta' tħejjija tal-UE u tal-Istati Membri tagħha biex jirrispondu għal sfidi u kriżijiet futuri

Azzjoni	Qasam ta' prijorità	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli
Azzjoni 70 Tisħiħ u twessigħ tal-kapaċitajiet ta' riċerka, informazzjoni, monitoraġġ, evalwazzjoni u mudellar tal-UE u l-Istati Membri tagħha, inkluż billi jsir użu minn teknoloġiji ġodda, billi i) jiġu identifikati u prijorizzati l-lakuni fl-għarfien u l-kapaċitajiet tal-ittestjar; ii) jiġu appoġġati l-koordinazzjoni, in-networking u attivitajiet oħra meħtieġa biex jinħolqu sinerġiji madwar il-komunità tar-riċerka Ewropea u iii) jiġi żgurat il-għbir u l-preżentazzjoni effiċjenti u preċiżi tad-data Ewropea meħtieġa għal skopijiet ta' rapportar u valutazzjoni internazzjonali, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li japprofitta mis-sinerġiji u jevita d-duplikazzjonijiet. Id-data kollha bbażata fuq l-individwi għandha tiġi diżaggregata skont is-sess, u l-għbir u l-preżentazzjoni tad-data għandhom jikkunsidraw l-aspetti sensittivi għall-ġeneru tal-politika dwar id-drogi.	10.1. Tisħiħ u espansjoni tal-kapaċitajiet ta' riċerka u tħeġġiġ ta' kondiviżjoni u użu akbar ta' riżultati.	2021-2025	Kummissjoni Ewropea EMCDDA Europol Stati Membri Kunsill tal-UE
Azzjoni 71 Titjib tat-tħejjija għall-isfidi u l-opportunitajiet futuri possibbli billi: i) jiġu identifikati t-tagħlimiet meħuda mill-pandemija tal-COVID-19 u l-impatt tagħha fuq it-twassil tas-servizzi, is-swieg tad-drogi, it-tendenzi tal-użu u l-ħsara; ii) isir investiment fl-iżvilupp ta' metodi u teknoloġiji ġodda u tekniki analitiċi (bħal żviluppi fil-metodi forensiċi u tossikoloġiċi; teknoloġiji tal-informazzjoni, għodod ta' kxif, mudellar statistiku; it-telemediċina u l-użu ta' big data u informazzjoni minn sors miftuħ) meħtieġa biex jiġu identifikati aħjar it-theddid emerġenti u r-risponsi innovattivi u iii) jinħolqu sinerġiji u tiġi appoġġata l-kondiviżjoni tal-aħjar Prattika fl-innovazzjonijiet u l-oqsma futuri fil-ħidma tal-EMCDDA u l-Europol.	10.2. Trawwim tal-innovazzjoni sabiex il-politika u l-azzjonijiet imorru minn modalità reattiva għal waħda proattiva.	2021-2025	Kummissjoni Ewropea EMCDDA Europol Stati Membri Kunsill tal-UE
Azzjoni 72 Titjib tar-reżiljenza tal-UE billi tizzied il-kapaċità li tippredvi u tirrispondi għal theddid, xejriet u żviluppi potenzjali billi: i) jitwettaq rieżami strateġiku matul il-kors tal-pjan ta' azzjoni biex jiġi identifikat kwalunkwe theddid emerġenti ġdid u biex ikunu jistgħu jiġu żviluppati miżuri ta' mitigazzjoni; ii) jiġu inkoraġġuti attivitajiet regolari ta' analiżi tal-prospettivi u networking relatat mad-domanda u l-provvista, fejn jeżistu jew jistgħu jiffaċċaw rabtiet ma' problemi u opportunitajiet ta' drogi fil-futur, inkluż żviluppi ta' politika fir-rigward ta' drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi kkontrollati internazzjonalment, inkluż informazzjoni dwar l-iżviluppi tal-kannabis.	10.3. Żvilupp ta' prospettiva strateġika u approċċ orjentat lejn il-futur.	2021-2025	Kummissjoni Ewropea EMCDDA Europol Stati Membri Kunsill tal-UE

Azzjoni	Qasam ta' prijorità	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli
Azzjoni 73 Żieda fil-valur u l-komplementarjetà tal-isforzi tar-riċerka Ewropej billi: i) ikompli jingħata appoġġ adegwat għal mekkaniżmi eżistenti ta' ġbir ta' informazzjoni; ii) jiġi rikonoxxut u żviluppat, fejn possibbli u xieraq, ir-rwol li għandhom l-EMCDDA u l-Europol fiċ-ċiklu Ewropew tal-għarfien tar-riċerka; iii) isir rieżami regolari tal-ħtiġijiet ta' riċerka, il-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni u kif is-sinerġiji jistgħu jissaħħu fil-livell Ewropew u iv) jissaħħa ir-rwol tal-EMCDDA u l-Europol biex jiġi żgurat li l-aġenziji, u n-network Reitox ta' punti fokali nazzjonali jkollhom il-mezzi, inkluż riżorsi finanzjarji, biex jappoġġaw lill-UE u lill-Istati Membri tagħha b'bażi ta' evidenza robusta ta' kwalità għolja meħtieġa biex jirrispondu b'mod effettiv għall-isfidi ta' politika relatati mad-drogi, inkluż it-tisħiħ ta' approċċi ta' twissija bikrija.	10.4. Tisħiħ tal-koordinazzjoni u s-sinerġiji, u appoġġ lir-rwol ċentrali tal-EMCDDA, il-Europol u n-network Reitox ta' punti fokali nazzjonali fir-riċerka, l-innovazzjoni u l-prospettiva.	2021-2025	Kummissjoni Ewropea EMCDDA Europol Stati Membri Kunsill tal-UE
Azzjoni 74 Promozzjoni, fejn possibbli, tal-finanzjament xieraq tar-riċerka, l-innovazzjoni u l-prospettiva relatati mad-drogi fil-livell tal-UE, inkluż permezz ta' sorsi ta' finanzjament transsettorjali tal-UE u appoġġ adattat għall-immirar, il-koordinazzjoni u s-sostenibbiltà effiċjenti tal-isforzi tar-riċerka relatati mad-drogi.	10.5. Żgurar ta' finanzjament adegwat għar-riċerka, l-innovazzjoni u l-prospettiva relatati mad-drogi.	2021-2025	Kummissjoni Ewropea Stati Membri Kunsill tal-UE

VI - KOORDINAZZJONI, GOVERNANZA U IMPLIMENTAZZJONI

Prijorità strateġika 11: Żgurar ta' implimentazzjoni ottimali tal-Istrateġija u tal-Pjan ta' Azzjoni, koordinazzjoni b'mod awtomatiku tal-partijiet ikkonċernati kollha u għoti ta' riżorsi adegwati fuq il-livell tal-UE u dak nazzjonali

Azzjoni	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli
Azzjoni 75 L-Istati Membri għandhom jikkompilaw u jipprovdu, fejn meħtieġ, id-data nazzjonali disponibbli meħtieġa għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija u tal-Pjan ta' Azzjoni tagħha, kif ukoll l-impatt tal-implimentazzjoni, fejn possibbli. L-atturi kollha involuti bħala partijiet responsabbli għandhom, fil-kuntest tal-mandat tagħhom, jiġbru u janalizzaw id-data disponibbli jew ifittxu, fejn possibbli, li jiżviluppaw jew itejbu s-sorsi ta' data eżistenti fejn dawn ma jkunux adegwati, sabiex jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-azzjoni inkwistjoni. Il-Kummissjoni Ewropea, waqt li tiegħu kont tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri u bl-appoġġ tas-SEAE, l-EMCDDA, il-Europol, korpi oħra tal-UE u s-soċjetà ċivili, għandha timmonitorja l-implimentazzjoni tal-Istrateġija u tal-Pjan ta' Azzjoni.	2021-2025	Kummissjoni Ewropea EMCDDA Europol Stati Membri Kunsill tal-UE SEAE

Azzjoni	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli
Azzjoni 76 Il-Presidenza tal-Kunsill għandha torganizza fi ħdan l-HDG diskussjonijiet jew skambji tal-aħjar prattiki li jistgħu jipprovdu appoġġ lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija u tal-Pjan ta' Azzjoni, b'kontribut espert fejn adatt.	2021-2025	Stati Membri Kunsill tal-UE Kummissjoni Ewropea EMCDDA Europol SEAE
Azzjoni 77 Il-Kummissjoni, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri, is-SEAE, l-EMCDDA, il-Europol, istituzzjonijiet u korpi rilevanti oħra tal-UE u s-soċjetà ċivili, għandha tibda evalwazzjoni esterna ġenerali tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija u tal-Pjan ta' Azzjoni u tibgħat ir-riżultati ta' din l-evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, hekk kif ikunu disponibbli, u mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2025. Abbażi ta' dawn ir-riżultati, hija għandha torganizza diskussjonijiet mal-HDG li ser jiffurmaw il-bażi għad-definizzjoni tal-iżvilupp futur tal-politika tal-UE dwar id-drogi u ċ-ċiklu li jmiss tal-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi u l-Pjan ta' Azzjoni li għadhom iridu jiġu approvati mill-Kunsill.	2024	Kummissjoni Ewropea EMCDDA Europol Stati Membri Kunsill tal-UE SEAE
Azzjoni 78 L-Istati Membri għandhom iwettqu evalwazzjonijiet ibbażati fuq l-evidenza tal-politiki u l-interventi fuq bażi regolari jew kontinwa u jikkondividu s-sejbiet u l-metodoloġiji mas-sħab tal-UE.	2021-2024	Stati Membri Kunsill tal-UE Kummissjoni Ewropea EMCDDA Europol
Azzjoni 79 Allokkazzjoni, minn sorsi ta' finanzjament transsettorjali, riżorsi adatti u mmirati (ipprovduti mill-UE u l-Istati Membri tagħha) għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija u tal-Pjan ta' Azzjoni kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali.	2021-2025	Kummissjoni Ewropea Stati Membri Kunsill tal-UE SEAE
Azzjoni 80 Rieżami tal-mandat tal-EMCDDA wara l-evalwazzjoni li tlestiet fl-2019 ⁽¹⁾ biex jiġi żgurat li l-aġenzija taqdi rwol aktar b'saħħtu fl-indirizzar tal-isfidi attwali u futuri tal-fenomeni tad-drogi. Jiġu definiti mill-ġdid ir-responsabbiltajiet u l-operazzjoni tan-network REITOX ta' punti fokali nazzjonali, filwaqt li jissaħħaħ ir-rwol tagħha kif meħtieġ.	2021-2025	Kummissjoni Ewropea EMCDDA Stati Membri Kunsill tal-UE
Azzjoni 81 Iffaċilitar tas-sinerġiji u l-komplementarjetà bejn il-politiki relatati mad-drogi tal-UE u l-Istati Membri, u bejn l-attivitajiet relatati mad-drogi tal-Istituzzjonijiet tal-UE u korpi oħra kif ukoll il-koordinazzjoni ma' atturi internazzjonali rilevanti.	2021-2025	Kummissjoni Ewropea SEAE Stati Membri Kunsill tal-UE

Azzjoni	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli
Azzjoni 82 Il-Presidenza tal-Kunsill tal-UE għandha żżomm infurmat lill-HDG, bħala l-korp ewlieni ta' koordinazzjoni dwar il-politika dwar id-drogi, dwar il-ħidma possibbli marbuta ma' kwistjonijiet ta' drogi, imwettqa minn korpi preparatorji oħra tal-Kunsill, bħall-Kumitat Permanenti għall-Kooperazzjoni Operattiva dwar is-Sigurtà Interna (COSI) u l-Grupp ta' Ħidma dwar is-Saħħa Pubblika, kif ukoll korpi preparatorji rilevanti oħra tal-Kunsill inkluż fil-qasam tad-dwana, il-materji ġudizzjarji u kriminali, l-infurzar tal-liġi, l-affarijiet soċjali, l-agrikoltura u r-relazzjonijiet esterni, bl-appoġġ tas-SEAE għal dawk li jkunu qed jippresjedu. Il-Kummissjoni, is-SEAE u l-Istati Membri għandhom jaġġornaw b'mod proattiv is-sħab kollha fl-HDG dwar l-iżviluppi relatati mad-drogi li huma involuti fihom.	2021-2025	Stati Membri Kunsill tal-UE Kummissjoni Ewropea SEAE
Azzjoni 83 L-Istati Membri għandhom jaħdmu lejn sistemi effiċjenti ta' kollaborazzjoni bejn il-politika dwar id-drogi u l-politiki rilevanti l-oħra, inkluż fl-oqsma tal-infurzar tal-liġi/tas-sigurtà u tas-saħħa/politika soċjali, bl-involviment tal-partijiet ikkonċernati rilevanti fid-diversi oqsma.	2021-2025	Stati Membri Kunsill tal-UE Kummissjoni Ewropea
Azzjoni 84 L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jippromwovu l-approċċ tal-UE għall-politika dwar id-drogi, b'mod partikolari meta jaġixxu fix-xena internazzjonali, filwaqt li jittkellmu b'vuċi waħda.	2021-2025	Stati Membri Kunsill tal-UE Kummissjoni Ewropea SEAE
Azzjoni 85 Promozzjoni u tisħiħ tad-djalogu mas-soċjetà ċivili u l-involviment tagħha fl-implimentazzjoni, fl-evalwazzjoni u fl-ġhoti ta' kontribut għall-iżvilupp tal-politiki dwar id-drogi fil-livelli tal-Istati Membri, tal-UE u dak internazzjonali.	2021-2025	Stati Membri Kunsill tal-UE Kummissjoni Ewropea SEAE

(¹) Għal aktar tagħrif, ara "Id-droga u d-dipendenza fuq id-droga - l-espansjoni tal-mandat taċ-ċentru Ewropew ta' monitoraġġ": https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12432-Id-droga-u-d-dipendenza-fuq-id-droga-l-espansjoni-tal-mandat-tac-centru-Ewropew-ta%E2%80%99-monitoragg_mt.

ANNEX I

Indikaturigenerali għall-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi 2021-2025 ⁽¹⁾

- 1) **Żviluppi fl-immirar ta' gruppi ta' kriminalità organizzata b'riskju għoli:** indikatur ibbażat fuq rapporti u informazzjoni statistika disponibbli dwar operazzjonijiet biex jitwaqqfu gruppi ta' kriminalità organizzata b'riskju għoli li għandhom l-UE fil-mira, inkluż rieżami ta' operazzjonijiet ewlenin ta' rkurpru tal-assi u investigazzjonijiet finanzjarji u żviluppi sinifikanti fil-kooperazzjoni transfruntiera. (Sorsi: Europol, Kummissjoni Ewropea, Stati Membri, EMCDDA)
- 2) **Xejriet fil-kriminalità organizzata relatata mad-drogi, il-korruzzjoni, l-intimidazzjoni u l-vjolenza bejn il-klikek:** indikatur ibbażat fuq sommarju ta' sorsi tad-data strutturati disponibbli miġbura permezz ta' metodoloġija komuni, rapporti ta' każijiet u opinjoni esperta. (Sorsi: Europol, EMCDDA, Stati Membri, Kummissjoni Ewropea)
- 3) **Pannell tas-Swieq tad-Drogi:** Xejriet tas-Suq skont il-livell tas-suq fi: numru u kwantitajiet ta' drogi illeċiti maqbuda; numru ta' laboratorji tal-produzzjoni tad-drogi sekwestrati; numru ta' reati relatati mal-produzzjoni tad-drogi, il-prezzijiet tad-drogi u l-purità/doża (skont il-livell tas-suq fejn possibbli); data minn sorsi ta' informazzjoni rilevanti oħra sensitivi għall-fehim tad-differenzi fid-disponibbiltà, il-kontenut u l-forma tad-drogi, flivelli differenti tas-suq tad-drogi fejn dawn ikunu disponibbli; xejriet fid-disponibbiltà u l-użu ta' prekursori u sustanzi kimiċi oħra meħtieġa għall-produzzjoni tad-drogi; xejriet u żviluppi fl-użu tad-darknet u mezzi oħra ffaċilitati diġitalment għall-bejgħ tad-drogi. (Sorsi: EMCDDA, Europol, Kummissjoni Ewropea, Stati Membri)
- 4) **Impatt fuq il-komunitajiet:** indikatur li jkejjel permezz ta' żewġ studji tal-Ewrobarometru (2021 u 2025) u, jekk disponibbli, sorsi ta' data rilevanti oħra nazzjonali jew fil-livell tal-UE, perċezzjonijiet ta' kif id-drogi, id-disponibbiltà tagħhom u l-operat tas-swieq tad-drogi għandhom impatt fuq is-saħħa pubblika, is-sikurezza u s-sigurtà tal-komunitajiet, inkluż il-vjolenza u l-intimidazzjoni relatati mad-drogi. (Sorsi: Kummissjoni Ewropea, Stati Membri)
- 5) **Pannell tas-Saħħa:** Rapportar fil-livell tal-UE dwar l-impatt tal-użu tad-drogi fuq is-saħħa. Tendenzi fil-morbidità u fil-mortalità relatati mad-drogi. L-għoti ta' analiżi fil-qosor tad-data l-aktar reċenti disponibbli kemm minn sorsi stabbiliti kif ukoll minn dawh li qed jiżviluppaw dwar: ix-xejriet fl-emerġenzi fl-isptarjiet relatati mad-drogi, l-imwiet relatati mad-drogi, il-mard infettiv u l-problemi tas-saħħa assoċjati, inkluż l-użu tad-drogi injettati u mġiba oħra b'riskju għoli fl-użu tad-drogi, kif ukoll kwistjonijiet ta' saħħa mentali relatati mal-użu tad-drogi, jekk id-data tkun disponibbli. (Sorsi: EMCDDA, Stati Membri)
- 6) **Prevalenza u xejriet tal-użu tad-drogi:** indikatur tax-xejriet minn sħarriġ tal-popolazzjoni ġenerali li użaw id-drogi (reċentement u qabel) u minn sħarriġ taż-żgħażaġh jew tal-iskola dwar l-użu tad-drogi (is-sena li għaddiet u qabel) u l-età meta bdew jużaw id-drogi, u informazzjoni dwar il-prevalenza u x-xejriet tal-użu tad-drogi minn subpopolazzjonijiet importanti oħra fejn disponibbli. (Sorsi: EMCDDA, ESPAD, HBSC, Stati Membri)
- 7) **Pannell tat-Tnaqqis tal-Ħsara:** indikatur ta' miżuri tad-disponibbiltà ta' servizzi bbażati fuq l-evidenza ta' prevenzjoni, trattament, tnaqqis, u alternattivi għal sanzjonijiet koerċittivi ⁽²⁾ għat-trasgressuri li jieħdu d-drogi. Disponibbiltà u kopertura ta' trattament b'agonist tal-opjoid, disponibbiltà ta' programmi ta' labar u siringi u kopertura ta' ttestjar u trattament ta' HCV, HIV u HBV għal dawh li jinjettaw id-drogi. (Sorsi: EMCDDA, Stati Membri)

⁽¹⁾ Dawn l-indikaturi ser jiġu infurmati minn sorsi statistiċi u sorsi oħra ta' rutina ta' informazzjoni miġbura bħala parti minn sforzi kontinwi għall-monitoraġġ u r-rispons għall-użu tad-drogi fl-Ewropa u ser jipprovdur l-aktar sett komprensiv ta' riżorsi fil-livell tal-UE biex jappoġġaw il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi 2021-2025 u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi 2021-2025. Filwaqt li ser tintuża l-aktar informazzjoni aġġornata disponibbli, id-data disponibbli mhux neċessarjament ser tikkorrispondi direttament mal-perijodu 2021-2025. Minkejja li ser jintużaw sorsi ta' rutina kull fejn possibbli, xi eżerċizzji addizzjonali tal-ġbir tad-data jistgħu jkunu meħtieġa biex jappoġġaw ir-rapportar ta' xi indikaturi elenkati hawn. Għalhekk, huma jappoġġaw evalwazzjoni komprensiva u jiffaċilitaw il-valutazzjoni tal-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE tal-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni tagħha.

⁽²⁾ It-terminu "alternattivi għal sanzjonijiet koerċittivi" jista', skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri, jirreferi wkoll għall-alternattivi li jintużaw minflok jew flimkien mal-miżuri tradizzjonali tal-ġustizzja kriminali għal trasgressuri li jieħdu d-drogi (ara l-Konklużjonijiet tal-Kunsill: Promozzjoni tal-użu ta' alternattivi għal sanzjonijiet koerċittivi għal trasgressuri li jieħdu d-drogi, 8 ta' Marzu 2018).

- 8) **Xejriet u żviluppi fis-Sustanzi Psikoattivi Ġodda (SPĠ):** indikatur mis-Sistema ta' Twissija Bikrija dwar id-dehra u l-ħsara kkawżata minn sustanzi psikoattivi ġodda, li jirriżulta mir-rappurtar lis-Sistema ta' Twissija Bikrija u l-eżerċizzji tal-Valutazzjoni tar-Riskju dwar sustanzi psikoattivi ġodda. (Sorsi: EMCDDA, Europol, Stati Membri, Kummissjoni Ewropea)
 - 9) **Pannell dwar it-Theddid Emerġenti:** indikatur li jenfasizza theddid emerġenti potenzjali bbażat fuq it-trijangelazzjoni ta' data minn sorsi aktar f'waqthom u li jħarsu 'l quddiem (fejn disponibbli) inkluż pereżempju, livelli ta' volumi ta' drogi kkunsmati fil-komunità/bliet minn analiżi tal-ilma mormi, sħarriġ fuq l-internet, rappurtar forensiku, tossikoloġiku, eċċ. (Sorsi: EMCDDA, Stati Membri)
 - 10) **Rispons għall-użu tad-drogi fil-ħabs:** indikatur dwar id-disponibbiltà u l-kopertura ta' risponsi biex tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-użu tad-drogi f'ambjenti ta' kustodja inkluż valutazzjoni sa fejn jeżisti approċċ komprensiv u bbilanċjat għar-rispons tal-użu tad-drogi f'ambjenti ta' kustodja. (Sorsi: EMCDDA, Stati Membri)
 - 11) **Issodisfar tal-impenji tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli:** indikatur tal-progress li sar b'rabta mal-Aġenda 2030 għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (rapport tal-Eurostat dwar il-progress li sar lejn il-kisba tal-SDGs rilevanti għal kwistjonijiet relatati mad-drogi). (Sorsi: Eurostat, Kummissjoni Ewropea)
-

ANNEX II

Glossarju ta' akronimi

AIDS	Sindromu tal-immunodeficijenza akkwiziżta
CEPOL	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi
COSI	Kunsill tal-Unjoni Ewropea — Kumitat Permanenti għall-Kooperazzjoni Operattiva dwar is-Sigurtà Interna
COVID-19	Marda tal-Coronavirus 2019
EDPQ	Standards Ewropej ta' Kwalità għall-Prevenzjoni tad-Drogi
EMCDDA	Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga
EMPACT	Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali
ESPAD	Proġett Ewropew ta' Stħarriġ Skolastiku dwar l-Alkoħol u Drogi Oħrajn
EU SOCTA	Valutazzjoni ta' Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata tal-Unjoni Ewropea
EUCPN	Network Ewropew għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità
EUPC	Il-Kurrikulu Ewropew għall-Prevenzjoni
EUROJUST	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali
EUROPOL	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi
EUROSTAT	Uffiċċju tal-Istatistika tal-Unjoni Ewropea
FRONTEX	Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta
HBSC	Stħarriġ dwar l-Imġiba marbuta mas-Saħħa fi Tfal tal-Età tal-Iskola
HBV	Virus tal-Epatite B
HCV	Virus tal-Epatite C
HDG	Kunsill tal-Unjoni Ewropea - Grupp ta' Ħidma Orizzontali dwar id-Drogi
HIV	Virus tal-immunodeficijenza umana
INCB	Bord Internazzjonali għall-Kontroll tan-Narkotiċi
ĠAI	Ġustizzja u Affarijiet Interni
MAOC-N	Ċentru għall-Analiżi u l-Operazzjonijiet Marittimi - Narkotiċi
NU	Nazzjonijiet Uniti
OECD	Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi
OECD-DAC	Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp tal-OECD
REITOX	Réseau Européen d'Information sur les Drogues et les Toxicomanies (Network Ewropew ta' Informazzjoni dwar id-Drogi u d-Dipendenza fuq id-Drogi)
SDGs	Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli
SEAE	Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna
SIENA	Applikazzjoni ta' Network għall-Iskambju Sikur ta' Informazzjoni
SOCTA	Valutazzjoni ta' Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata

SPĠ	Sustanzi psikoattivi ġodda
UE	Unjoni Ewropea
UIF	Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja
UNAIDS	Programm Konġunt tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-HIV/AIDS
UNGASS	Sessjoni Speċjali tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Problema Dinjija tad-Drogi
UNODC	Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità
WHO	Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro ⁽¹⁾

Is-7 ta' Lulju 2021

(2021/C 272/03)

1 euro =

Munita			Munita		
		Rata tal-kambju			Rata tal-kambju
USD	Dollaru Amerikan	1,1831	CAD	Dollaru Kanadiż	1,4708
JPY	Yen Ġappuniż	130,86	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	9,1900
DKK	Krona Daniża	7,4361	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,6760
GBP	Lira Sterlina	0,85500	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,5924
SEK	Krona Żvediża	10,1813	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 344,89
CHF	Frank Żvizzeru	1,0917	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	16,8666
ISK	Krona İzlandiża	146,30	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,6478
NOK	Krona Norveġiża	10,2475	HRK	Kuna Kroata	7,4867
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	17 146,47
CZK	Krona Ċeka	25,688	MYR	Ringgit Malażjan	4,9241
HUF	Forint Ungeriż	355,57	PHP	Peso Filippin	58,960
PLN	Zloty Pollakk	4,5192	RUB	Rouble Russu	87,8009
RON	Leu Rumen	4,9268	THB	Baht Tajlandiż	38,173
TRY	Lira Turka	10,2566	BRL	Real Brażiljan	6,1224
AUD	Dollaru Awstraljan	1,5711	MXN	Peso Messikan	23,5724
			INR	Rupi Indjan	88,2825

⁽¹⁾ Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

IL-QORTI TAL-AWDITURI

Rapport Speċjali Nru 12/2021

Il-Prinċipju ta' Min Iniġġes Iħallas: Applikazzjoni inkonsistenti fil-politiki u fl-azzjonijiet ambjentali tal-UE

(2021/C 272/04)

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri b'dan tinfurmak li r-Rapport Speċjali Nru 12/2021 "Il-Prinċipju ta' Min Iniġġes Iħallas: Applikazzjoni inkonsistenti fil-politiki u fl-azzjonijiet ambjentali tal-UE" għadu kif ġie ppubblikat.

Ir-rapport jista' jiġi kkonsultat jew imniżżel mis-sit web tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: <http://eca.europa.eu>

V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-
KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10331 — Caisse des dépôts/Bain Capital/Digital Aftermarket)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 272/05)

1. Fl-1 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾.

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Caisse des dépôts et consignations (France),
- Bain Capital LLC ("Bain Capital", l-Istati Uniti tal-Amerka),
- Digital Aftermarket SAS ("Digital Aftermarket", Franza), ikkontrollata minn Bain Capital permezz ta' Autodistribution SAS ("Autodistribution", Franza).

Caisse des Dépôts et Consignations u Bain Capital jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Digital Aftermarkets.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' titoli.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- Caisse des dépôts et consignations: istituzzjoni pubblika li twettaq kompiti ta' interess ġenerali b'appoġġ għal politiki pubbliċi mmexxija mill-Istat u attiva fil-ġestjoni ta' fondi privati. Permezz tas-sussidjarji tagħha, hija attiva, fost oħrajn, fl-oqsma tal-enerġija u l-ambjent, il-proprjetà immobbli, l-investment u s-servizzi.
- Bain Capital: kumpanija tal-ġestjoni tas-servizzi finanzjarji u tal-assi. Permezz tas-sussidjarja tagħha Autodistribution, hija tispeċjalizza fid-distribuzzjoni ta' spare parts għal vetturi bil-mutur ħfief u vetturi tqal tal-merkanzija fl-Ewropa, kif ukoll fil-forniment ta' servizzi ta' tiswija u manutenzjoni għal vetturi b'ħafna marki tad-ditta.
- Digital Aftermarket: kumpanija li tispeċjalizza fil-forniment ta' servizzi tal-intermedjazzjoni online għat-tiftix għal servizzi ta' tiswija u manutenzjoni ta' vetturi bil-mutur.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni Ewropea tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

(¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾ jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Dawn il-kummenti jeħtieġ li jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara id-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10331 — Caisse des dépôts et consignations/Bain Capital/Digital Aftermarket

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32229-64301

Indirizz postali:

Commission européenne
Direction générale de la concurrence
Greffé des concentrations
1049 Bruxelles
BELGIQUE

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Il-Każ M.10271 - LIXIL/Schüco/JV)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
(2021/C 272/06)

1. Fit-30 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾.

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriża li ġejjin:

- LIXIL Corporation ("LIXIL", il-Ġappun),
- Schüco International KG ("Schüco", il-Ġermanja), li tappartjeni għall-grupp Otto Fuchs Beteiligungen KG ("Otto Fuchs Group", il-Ġermanja),
- Schueco Japan K.K. (Joint venture, "JV", il-Ġappun), imprezza eżistenti kkontrollata esklużivament minn Schüco biex tkun trasformata f'joint venture.

Lixil u Schüco jakkwistaw fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll bi sħab ta' Schüco Japan K.K.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitàjiet kummerċjali tal-impriża kkonċernati huma:

- LIXIL: Il-manifattura ta' materjali għall-bini u tagħmir għall-akkomodazzjoni.
- Schüco: L-iżvilupp u l-bejgħ ta' soluzzjonijiet ta' sistemi magħmula mill-aluminju, l-azzar u l-uPVC għall-involukri tal-bini.
- Schueco Japan K.K.: Id-disinn u l-bejgħ ta' sistemi, prodotti u servizzi tal-aluminju fis-settur tal-kostruzzjoni arkitettonika fil-Ġappun.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾ jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10271 - Lixil/Schüco/JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Il-Każ M.10346 — ICG/Circet)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
(2021/C 272/07)

1. Fit-30 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾.

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriża li ġejjin:

- Intermediate Capital Group plc ("ICG", ir-Renju Unit),
- Circet Odyssée SAS ("Circet", Franza);

ICG takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Circet kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża kkonċernati huma:

- ICG: ditta tal-investiment attiva fl-istrutturar u l-forniment ta' finanzjament intermedju, kreditu ingranat u investimenti ta' ekwità f'diversi kumpaniji madwar l-Ewropa, l-Asja u l-Paċifiku u l-Istati Uniti tal-Amerka; kif ukoll
- Circet: fornitur ta' servizzi ta' infrastruttura tan-network ibbażat fi Franza, attiva esklużivament fis-settur tat-telekomunikazzjoni. Toffri firxa sħiħa ta' servizzi mid-disinn, l-inġinerija u l-installazzjoni sal-manutenzjoni tan-networks tat-telekomunikazzjoni.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾ jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10346 — ICG/Circet

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

ATTI OĦRAJN

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda, li ma hijiex minuri, fl-Ispesifikazzjoni tal-Prodott skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel

(2021/C 272/08)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt ta' oppożizzjoni għall-applikazzjoni għal emenda skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾ fi żmien tliet xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni.

APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA, LI MA HIJIEK MINURI, GĦALL-ISPEĊIFIKAZZJONI TAL-PRODOTT TA' DENOMINAZZJONIJET TA' ORİĠINI PROTETTI JEW TA' INDIKAZZJONIJET ĠEOGRAFIĊI PROTETTI

Applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012

“CEREZAS DE LA MONTAÑA DE ALICANTE”

Nru tal-UE: PGI-ES-0099-AM03 - 13 ta' Awwissu 2020

DOP () IĠP (X)

1. Grupp applikant u interess leġittimu

Il-Kunsill Regulatorju għall-Indikazzjoni Ġeografika Protetta “Cerezas de la Montaña de Alicante”

Carretera Albaida-Denia, s/n
03788 Alpatró – La Vall de Gallinera
Alicante
ESPAÑA

Id-Digriet ta' Consell 222/2007 tad-9 ta' Novembru 2007, li jistabbilixxi regoli dwar il-Kunsilli Regulatorji jew il-Korpi Maniġerjali għall-Komunità Awtonoma tad-denominazzjonijiet ta' kwalità ta' Valenzja, jirregola r-regoli organizzazzjonali, operazzjonali u legali li l-Kunsilli Regulatorji jridu jikkonformaw magħhom.

B'mod speċifiku, l-Artikolu 4 tad-Digriet jindika li “L-istruttura u l-funzjonament tal-Kunsilli Regulatorji jew tal-Korpi Maniġerjali jridu jkunu bbażati fuq prinċipji demokratiċi, filwaqt li japplikaw f'kull ħin il-prinċipji ta' rappreżentanza ugwali tas-setturi, jirrappreżentaw l-interessi ekonomiċi tas-setturi magħquda, u jirrispettaw l-awtonomija tal-immaniġġjar u tal-organizzazzjoni tal-proċessi elettoralni għall-korpi deċiżjonali tagħhom.”

Flimkien ma' dan ta' hawn fuq, l-Artikolu 6 tad-Digriet jirregola l-iskop u l-funzjonijiet tal-Kunsilli Regulatorji jew tal-Korpi Maniġerjali, inkluż il-proposti ta' regoli u l-istabbiliment ta' standards tekniċi u l-emendi possibbli tagħhom, filwaqt li jqis il-kriterji tal-kwalità, l-iskrutinju u t-tradizzjoni.

Dan il-korp jirrappreżenta s-setturi kollha kkonċernati. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 7(2) tad-Digriet 222/2007 jindika li l-plenarja trid tkun magħmula minn membri eletti permezz ta' proċess elettoralni minn daww elenkati fir-reġistri differenti tal-korp maniġerjali, u minn membri tekniċi maħtura mill-ministeru reġjonali kompetenti.

⁽¹⁾ ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

Madankollu, il-leġiżlazzjoni msemmija hawn fuq tikkonferma l-interess leġittimu tal-Kunsill Regolatorju għall-IĠP li jitlob l-emenda, billi dan huwa magħmul mill-operaturi kollha involuti fil-produzzjoni ta' dan il-prodott protett.

2. Stat Membru jew Pajjiż Terz

Spanja

3. Intestatura fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott affettwata mill-emenda/i

- ☒ Isem il-prodott
- ☒ Deskrizzjoni tal-prodott
- ☒ Żona ġeografika
- ☐ Prova tal-oriġini
- ☐ Metodu ta' produzzjoni
- ☒ Rabta
- ☒ Tikkettar
- ☐ Oħrajn [speċifika]

4. Tip ta' emenda/i

☒ Emenda għall-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ta' DOP jew IĠP irreġistrata li ma għandhiex tikkwalifika bħala minuri skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012.

☐ Emenda għall-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ta' DOP jew IĠP irreġistrata li ma għandhiex tikkwalifika bħala minuri skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, li għaliha ma ġie ppubblikat l-ebda Dokument Uniku (jew ekwivalenti).

5. Emenda/i

5.1. EMENDA 1: Żieda ta' isem ġdid mal-prodott

L-emenda 1 tikkonsisti fiż-żieda ta' isem ġdid mal-prodott: "Cireres de la Muntanya d'Alacant".

Raġuni: Billi l-lingwi uffiċjali konġunti tal-Komunità Awtonoma ta' Valenzja huma l-Kastiljan u l-Valenzjan, aħna tlabna li l-isem tal-prodott protett jidher fiż-żewġ lingwi.

L-Artikolu 3 tal-Kostituzzjoni Spanjola jiddikjara li l-"Kastiljan huwa l-lingwa uffiċjali tal-Istat", u jipprevedi wkoll li l-lingwi l-oħra tal-Istat "għandhom ikunu uffiċjali wkoll fil-Komunitajiet Awtonomi rispettivi f'konformità mal-Istatuti tagħhom".

L-Artikolu 6 tal-Istatut ta' Awtonomija ta' Valenzja jiddikjara l-ewwel nett li l-Valenzjan għandu status ta' lingwa uffiċjali fil-Komunità kollha ta' Valenzja, flimkien mal-Kastiljan, u li ċ-ċittadini għalhekk għandhom id-dritt "li jkunu jafuh u jużawh", u t-tieni li l-Valenzjan jitqies bħala l-lingwa nattivha tal-Komunità ta' Valenzja. Barra minn hekk, il-Liġi 4/1983 tat-23 ta' Novembru 1983 dwar l-użu u t-tagħlim tal-Valenzjan tistabbilixxi d-dritt tal-Valenzjani li jkunu jafu u jużaw il-Valenzjan "fid-diskors u fil-kitba kemm fir-relazzjonijiet privati kif ukoll fir-relazzjonijiet mal-awtoritajiet pubbliċi".

L-Academia Valenciana de la Llengua stabbiliet li l-ismijiet bil-Valenzjan jiġu inklużi meta napplikaw għal emenda ġdida. Kif imsemmi hawn fuq, il-Valenzjan huwa lingwa uffiċjali fil-Komunità Awtonoma ta' Valenzja. Barra minn hekk, iż-żona protetta hija waħda fejn il-Valenzjan huwa mitkellem u fejn din il-lingwa tintuża fir-relazzjonijiet kummerċjali.

Taqsimha affettwata mill-emenda 1

— Speċifikazzjoni tal-Prodott: A) Isem il-prodott, F) Rabta maż-żona u H) Tikkettar.

— Dokument Uniku: Isem u Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar tal-prodott li għalih jirreferi l-isem irreġistrat.

Test irreġistrat attwalment (It-test huwa l-istess fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott u fid-Dokument Uniku)

- (A) Isem il-prodott
- L-INDIKAZZJONI ĠEOGRAFIKA “CEREZAS DE LA MONTAÑA DE ALICANTE”
- (F) Rabta maż-żona. Rabta kawżali bejn iż-żona ġeografika u l-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott (għad-DOP) jew kwalità speċifika, ir-reputazzjoni jew karatteristika oħra tal-prodott (għall-IĠP):
- Ir-rabta bejn iċ-ċirasa u ż-żona ġeografika hija bbażata fuq ir-reputazzjoni tas-“Cerezas de la Montaña de Alicante”. Din ir-reputazzjoni hija dovuta għall-karatteristiċi organolettiċi tal-frotta u għall-importanza ekonomika u gastronomika tagħha, kif ukoll għall-importanza tagħha bħala element integrali fil-pajsaġġ taż-żona. (...)
- (H) Tikkettar
- Il-formulazzjoni jew it-tikketti li jidentifikaw iċ-ċirasa tal-IĠP “Montaña de Alicante” jridu jinkludu l-kliem “Indikazzjoni Ġeografika Protetta” u “Cerezas de la Montaña de Alicante”.
- Il-prodott irid ikollu wkoll marka tal-konformità magħrufa bħala tikketta sekondarja, identifikata minn kodiċi alfanumeriku, li għandha titwaħħal mill-impjant tal-ippakkjar b'tali mod li din ma tkunx tista' terġa' tintuża u li tippermetti li tiġi żgurata t-traċċabilità tal-prodott.

Minbarra s-simbolu Ewropew uffiċjali għall-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti, xi tikketti sekondarji jridu jinkludu l-kliem “Indicación Geográfica Protegida Cerezas de la Montaña de Alicante” u l-logo dedikat tiegħu muri hawn taħt.

Test ġdid propost

- (A) Isem il-prodott:
- L-INDIKAZZJONI ĠEOGRAFIKA “CEREZAS DE LA MONTAÑA DE ALICANTE”/“CIRERES DE LA MUNTANYA D'ALACANT”
- (F) Rabta maż-żona. Rabta kawżali bejn iż-żona ġeografika u l-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott (għad-DOP) jew kwalità speċifika, ir-reputazzjoni jew karatteristika oħra tal-prodott (għall-IĠP):
- Ir-rabta bejn iċ-ċirasa u ż-żona ġeografika hija bbażata fuq ir-reputazzjoni tas-“Cerezas de la Montaña de Alicante”/“Cireres Muntanya d'Alacant”. Din ir-reputazzjoni hija dovuta għall-karatteristiċi organolettiċi tagħha u għall-importanza ekonomika u gastronomika tagħha, kif ukoll għall-importanza tagħha bħala element integrali fil-pajsaġġ taż-żona. (...)
- (H) Tikkettar
- Il-formulazzjoni jew it-tikketti li jidentifikaw iċ-ċirasa tal-IĠP “Montaña de Alicante” jridu jinkludu l-kliem “Indikazzjoni Ġeografika Protetta” bl-Ispanjol jew bil-Valenzjan u “Cerezas de la Montaña de Alicante” jew “Cireres de la Muntanya d'Alacant”.
- Il-prodott irid ikollu wkoll marka tal-konformità magħrufa bħala tikketta sekondarja, identifikata minn kodiċi alfanumeriku, li għandha titwaħħal mill-impjant tal-ippakkjar b'tali mod li din ma tkunx tista' terġa' tintuża u li tippermetti li tiġi żgurata t-traċċabilità tal-prodott.
- Minbarra s-simbolu Ewropew uffiċjali għall-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti, xi tikketti sekondarji jridu jinkludu l-kliem “Indicación Geográfica Protegida Cerezas de la Montaña de Alicante” u l-logo dedikat tiegħu muri hawn taħt.

5.2. **EMENDA 2: L-introduzzjoni ta' varjetajiet ġodda adattati għall-inklużjoni**

L-introduzzjoni ta' varjetajiet ġodda adattati għall-inklużjoni fl-Indikazzjoni Ġeografika Protetta.

Raġuni: Bħalissa, il-pjantaġġuni tal-varjetajiet Nimba, Frisco, Santana, Lapins, 4-84 u Sonata jistgħu jinstabu fil-biċċa l-kbira tat-territorju rreġistrat mal-Kunsill Regolatorju għall-Indikazzjoni Ġeografika Protetta “Cerezas de la Montaña de Alicante”, billi matul is-snin dawn ġew stabbiliti bħala alternattivi għal ċerti varjetajiet li diġà huma protetti. Dan seħħ minħabba li dawn huma varjetajiet b'rata ta' produzzjoni eċċellenti, b'daqs u dehra tajba, b'reżistenza għall-qsim, b'ħajja tal-ħżin tajba wara l-ħsad u li jifilħu tajjeb għat-trasport, eċċ., u dan jagħmilhom konsistenti mal-varjetajiet (kwalitajiet tal-ħlewwa, tal-kulur, tal-ebusija) diġà protetti mill-Kunsill Regolatorju għall-IĠP u jippermetti lill-produtturi jkollhom iċ-ċirasa għall-bejgħ għal perjodu itwal matul is-sena.

Il-karatteristiċi ta' dawn il-varjetajiet jikkostitwixxu pass kbir 'il quddiem, billi dawn huma fil-biċċa l-kbira awtofertili u ma jeħtiġux dakkir minn varjetajiet oħra, filwaqt li jdakru l-varjetajiet diġà protetti mill-Kunsill Regolatorju għall-IĠP, u b'hekk iżidu l-volum tal-produzzjoni stmada.

Barra minn hekk, għadd kbir ta' azjendi jkabbru dawn il-varjetajiet, u huwa mistenni li dawn se jsiru dejjem aktar stabbiliti fiż-żona matul is-snin li ġejjin.

Deskrizzjoni tal-varjetajiet il-ġodda

- “Nimba”: Varjetà bikrija ħafna. Tilħaq il-maturità b'dijametru aħmar skur. Għandha għamla ta' kilwa, hija ta' daqs medju u għandha ebusija tajba. F'żoni bix-xita, huwa rrakkomandat ħafna li titgħatta. Id-daqs medju huwa ta' 30 mm.
- “Frisco”: Varjetà ta' nofs l-istaġun. Meta tilħaq il-maturità, din tkun ikkaratterizzata mill-kulur attraenti tagħha li jagħti fil-granata. Għandha għamla ta' kilwa, hija ta' daqs medju sa twil u għandha ħxuna tajba. Il-polpa tagħha hija ħamra u għandha ebusija tajba u reżistenza medja għall-qsim. Il-ħajja tal-ħżin tajba tagħha wara l-ħsad tagħmilha ċirasa adattata għall-esportazzjoni. Id-daqs medju tagħha huwa ta' 28-30 mm.
- “Santina”: Varjetà bikrija, ikkaratterizzata mill-qoxra tagħha lewn il-granata, li tista' tkun ukoll ħamra jew sewda. Għandha għamla ta' kordat jew ta' qalb u hija ta' daqs medju sa twil. Għandha konsistenza medja u hija adattata għal vjaġġi bil-baħar ta' tul medju. Id-daqs medju tagħha huwa ta' 28 mm.
- “Lapins”: Varjetà tardiva, ikkaratterizzata mill-qoxra ħamra skura tagħha. Għandha forma kemxejn tawwalija u laħamha huwa aħmar. Hija ċirasa soda b'daqs medju ta' 27-28 mm.
- “4-84”: Varjetà tardiva f'għamla ta' kilwa u b'qoxra ħamra skura. Laħamha huwa aħmar. Hija ċirasa soda b'daqs medju ta' 27-28 mm.
- “Sonata”: Varjetà tardiva f'għamla tonda. Il-qoxra tagħha hija lewn il-granata u laħamha huwa aħmar. Għandha ebusija tajba, u għalhekk għandha ħajja tal-ħżin itwal wara l-ħsad u tiflaħ tajjeb għat-trasport. Id-daqs tagħha huwa ta' 29-30 mm.

Taqsima affettwata mill-emenda 2

- Speċifikazzjoni tal-Prodott: (B) Deskrizzjoni tal-prodott.
- Dokument Uniku: Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel. Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem f'(1).

Test irreġistrat attwalment

Ċirasa. Klassi 1.6; Frott, ħaxix u ċereali, friski jew ipproċessati

Il-varjetajiet adattati għall-inklużjoni fl-Indikazzjoni Ġeografika Protetta għandhom ikunu biss dawn li ġejjin:

Varjetajiet ewlenin: “Burlat”, “Picota”, “Picota Ambrunes”, “Early Lory”, “Prime Giant”, “Sweet Heart” u “Brooks”.

Varjetajiet dakkara: “Stark Hardy Giant”, “Bing” u “Van”

Il-karatteristiċi komuni għal dawn il-varjetajiet kollha huma:

- Kontenut għoli ta' zokkor, ta' aktar minn 11-il °Brix.
- Il-frott huwa tipikament suxxettibbli għall-qsim.
- Iz-zokk huwa ta' tul medju, u jibqa' f'kundizzjoni tajba wara l-ħsad.
- Għamla tonda b'mod uniformi u tleqq ħafna.
- Il-qoxra hija ta' kulur aħmar lewn ir-rubini għal aħmar jgħajjat u hija lixxa u uniformi.
- Laħam immerraq b'mod konsistenti ta' kulur roża jagħti fl-aħmar lewn l-inbid.
- Togħma bbilanċjata b'konsistenza soda.
- L-għadma hija ta' daqs medju u ġejja kemxejn għat-tond; hija bajda u iebsa ħafna.
- Hija adattata biex titkabbar fiż-żona koperta mill-IĠP “Cerezas de la Montaña de Alicante”.
- Hija reżistenti biżżejjed għat-trattament, għat-trasport u għall-ippakkjar.

Id-daqs medju tal-varjetajiet inklużi huwa:

- Burlat: 27-28 mm
- Stark Hardy Giant: 26-28 mm
- Van: 26-28 mm
- Bing: 24-28 mm
- Picota: 22-24 mm
- Picota Ambrunes: 23-25 mm
- Early Lory: 28-30 mm
- Prime Giant: 27-32 mm
- Sweet Heart: 26-28 mm
- Brooks: 27-28 mm

Test ġdid propost

Ċirasa. Klassi 1.6; Frott, ħaxix u ċereali, friski jew ipproċessati

Il-varjetajiet adattati għall-inklużjoni fl-Indikazzjoni Ġeografika Protetta għandhom ikunu biss dawn li ġejjin:

Varjetajiet ewlenin: “Burlat”, “Picota”, “Picota Ambrunes”, “Early Lory”, “Prime Giant”, “Sweet Heart”, “Brooks”, “Nimba”, “Frisco”, “Santina”, “Lapins”, “4-84” u “Sonata”.

Varjetajiet dakkara: “Stark Hardy Giant”, “Bing” u “Van”

Il-karatteristiċi komuni għal dawn il-varjetajiet kollha huma:

- Kontenut għoli ta’ zokkor, ta’ aktar minn 11-il °Brix.
- Il-frott huwa tipikament suxxettibbli għall-qsim.
- Iz-zokk huwa ta’ tul medju, u jibqa’ f’kundizzjoni tajba wara l-ħsad.
- Għamla tonda b’mod uniformi u tleqq ħafna.
- Il-qoxra hija ta’ kulur aħmar lewn ir-rubini għal aħmar jgħajjat u hija lixxa u uniformi.
- Laħam immerraq b’mod konsistenti ta’ kulur roża jagħti fl-aħmar lewn l-inbid.
- Togħma bbilanċjata b’konsistenza soda.
- L-għadma hija ta’ daqs medju u ġejja kemxejn għat-tond; hija bajda u iebsa ħafna.
- Hija adattata biex titkabbar fiż-żona koperta mill-IĠP “Cerezas de la Montaña de Alicante”.
- Hija reżistenti biżżejjed għat-trattament, għat-trasport u għall-ippakkjar.

Id-daqs medju tal-varjetajiet inklużi huwa:

- Burlat: 27-28 mm
- Stark Hardy Giant: 26-28 mm
- Van: 26-28 mm
- Bing: 24-28 mm
- Picota: 22-24 mm
- Picota Ambrunes: 23-25 mm
- Early Lory: 28-30 mm
- Prime Giant: 27-32 mm
- Sweet Heart: 26-28 mm
- Brooks: 27-28 mm
- Nimba: 28-30 mm
- Frisco: 28-30 mm

- Santina: 28 mm
- Lapins: 27-28 mm
- 4-84: 27-28 mm
- Sonata: 29-30 mm

5.3. **EMENDA 3: Tkabbir taż-żona ġeografika**

Nipproponu l-espansjoni taż-żona tal-produzzjoni biex jiġi inklużi l-muniċipalitajiet ta' Banyeres de Mariola, Benifallim, Facheca, Salinas, Sax u Tárbenas.

L-erja tas-superfiċje għall-produzzjoni taċ-ċirasa li nipproponu għall-estensjoni tikkostitwixxi 172 ettaru ta' siġar taċ-ċirasa, u dan huwa madwar 15 % tal-erja tas-superfiċje diġà rreġistrata.

Iż-żieda fil-produzzjoni hija stmata għal madwar 15 %.

Raġuni: Dawn il-muniċipalitajiet kollha jinsabu maġenb dawk diġà rreġistrati u għandhom l-istess kundizzjonijiet klimatiċi u profil tal-ħamrija, li huma eċċellenti għat-tkabbir taċ-ċirasa.

It-tkabbir taċ-ċirasa f'dawn il-muniċipalitajiet qed jiżdied u huwa mistenni li jkompli jikber fis-snin li ġejjin.

Il-volumi tal-produzzjoni huma mistennija li jkunu biżżejjed biex ikunu jistgħu jiġu kkummerċjalizzati dawn il-varjetajiet separatament, billi dawn huma pjantaġġuni produttivi ħafna u reċenti, li huma mfassla sew, imsaqqija u li l-faċilitajiet tagħhom għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom l-aħħar żviluppi teknoloġiċi.

Taqsima affettwata mill-emenda 3

- Speċifikazzjoni tal-Prodott: "(C) Żona ġeografika".
- Dokument Uniku: 4. Definizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika.

Test irreġistrat attwalment

- Iż-żona tal-produzzjoni tinsab fit-Tramuntana tal-provinċja ta' Alicante u fin-Nofsinhar tal-provinċja ta' Valenzja.
- Iż-żona tal-produzzjoni hija magħmula mill-artijiet li jinsabu fil-muniċipalitajiet ta': Agres, Alcocer de Planes, Alcoy, Alfafara, Almudaina, Alquería de Aznar, Balones, Beneixama, Beniarrés, Benillup, Benimarfull, Biar, Cañada, Castalla, Cocentaina, Confrides, Cuatretondeta, Gaianes, Gorga, Ibi, Jijona, Lorch, Millena, Monóvar, Muro de Alcoy, Penáguila, Pinoso, Planes, Salinas, Sax, Tárbenas, Tollos, Vall d'Alcalá, Vall de Ebo, Vall de Gallinera, Vall de Laguard u Villena fil-provinċja ta' Alicante, u Bocarent u Ontinyent fil-provinċja ta' Valenzja.

Test ġdid propost

Iż-żona tal-produzzjoni tinsab fit-Tramuntana tal-provinċja ta' Alicante u fin-Nofsinhar tal-provinċja ta' Valenzja.

Iż-żona tal-produzzjoni hija magħmula mill-artijiet li jinsabu fil-muniċipalitajiet ta': Agres, Alcocer de Planes, Alcoy, Alfafara, Almudaina, Alquería de Aznar, Balones, Banyeres de Mariola, Beneixama, Beniarrés, Benifallim, Benillup, Benimarfull, Biar, Cañada, Castalla, Cocentaina, Confrides, Cuatretondeta, Facheca, Gaianes, Gorga, Ibi, Jijona, Lorch, Millena, Monóvar, Muro de Alcoy, Penáguila, Pinoso, Planes, Salinas, Sax, Tárbenas, Tollos, Vall d'Alcalá, Vall de Ebo, Vall de Gallinera, Vall de Laguard, u Villena fil-provinċja ta' Alicante u Bocarent u Ontinyent fil-provinċja ta' Valenzja.

DOKUMENT UNIKU

"CEREZAS DE LA MONTAÑA DE ALICANTE"/"CIRERES DE LA MUNTANYA D'ALACANT"

Nru tal-UE: PGI-ES-0099-AM03 - 13 ta' Awwissu 2020

DOP () IĠP (X)

1. **Isem(Ismijiet) [tad-DPO jew tal-IĠP]**

"Cerezas de la Montaña de Alicante"/ "Cireres de la Muntanya d'Alacant"

2. Stat Membru jew Pajjiż Terz

Spanja

3. Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel

3.1. Tip ta' prodott [elenkat fl-Anness XI]

Klassi 1.6. Frott, ħaxix u ċereali, friski jew ipproċessati

3.2. Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem f'(1)

Il-varjetajiet adattati għall-inklużjoni fl-Indikazzjoni Ġeografika Protetta għandhom ikunu biss dawn li ġejjin:

Varjetajiet ewlenin: "Burlat", "Picota", "Picota Ambrunes", "Early Lory", "Prime Giant", "Sweet Heart", "Brooks", "Nimba", "Frisco", "Santina", "Lapins", "4-84" u "Sonata"

Varjetajiet dakkara: "Stark Hardy Giant", "Bing" u "Van"

Il-karatteristiċi komuni għal dawn il-varjetajiet kollha huma:

- Kontenut għoli ta' zokkor, ta' aktar minn 11-il °Brix.
- Il-frott huwa tipikament suxxettibbli għall-qsim.
- Iz-zokk huwa ta' tul medju, u jibqa' f'kundizzjoni tajba wara l-ħsad.
- Għamla tonda b'mod uniformi u tleqq ħafna.
- Il-qoxra hija ta' kulur aħmar lewn ir-rubini għal aħmar jgħajjat u hija fina u uniformi.
- Laħam immerraq b'mod konsistenti ta' kulur roża jagħti fl-aħmar lewn l-inbid.
- Togħma bbilanċjata b'konsistenza soda.
- L-għadma hija ta' daqs medju u ġejja kemxejn għat-tond; hija bajda u iebsa ħafna.
- Hija adattata biex titkabbar fiż-żona koperta mill-IĠP "Cerezas de la Montaña de Alicante".
- Hija reżistenti biżżejjed għat-trattament, għat-trasport u għall-ippakkjar.

Id-daqs medju tal-varjetajiet inklużi huwa:

- Burlat: 27-28 mm
- Stark Hardy Giant: 26-28 mm
- Van: 26-28 mm
- Bing: 24-28 mm
- Picota: 22-24 mm
- Picota Ambrunes: 23-25 mm
- Early Lory: 28-30 mm
- Prime Giant: 27-32 mm
- Sweet Heart: 26-28 mm
- Brooks: 27-28 mm
- Nimba: 28-30 mm
- Frisco: 28-30 mm
- Santina: 28 mm
- Lapins: 27-28 mm
- 4-84: 27-28 mm
- Sonata: 29-30 mm

Iċ-ċirasa tal-varjetajiet awtorizzati jrid ikollha l-karatteristiċi tal-kwalità li ġejjin:

- Sħiħa
- F'saħħitha

- Nadifa, prattikament ħielsa minn kwalunkwe materjal barrani viżibbli
- Ħielsa minn indewwa esterna anormali
- Ħielsa minn kwalunkwe riħa u/jew toġhma barranija

Iċ-ċirasa protetta trid tkun biss mill-klassi “Extra” u mill-Klassi I skont l-istandards tal-UNECE, u għal finijiet ta' kummerċjalizzazzjoni, din tiġi kklassifikata kif ġej:

Klassi 1: Mhux inqas minn 21 mm

Extra: Mhux inqas minn 23 mm

3.3. *Għalf (għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali biss) u materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)*

—

3.4. *Passi speċifiċi fil-produzzjoni li jridu jsiru fiż-żona ġeografika ddefinita*

Il-produzzjoni u l-ħsad.

3.5. *Regoli speċifiċi dwar it-tqattigh, it-tahkik, l-ippakkjar, eċċ.*

—

3.6. *Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar*

Il-formulazzjoni jew it-tikketti li jidentifikaw is-“Cerezas de la Montaña de Alicante” jridu jinkludu s-simbolu Ewropew uffiċjali għall-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti, flimkien mal-kliem “Indicación Geográfica Protegida” [Indikazzjoni Ġeografika Protetta] u “Cerezas de la Montaña de Alicante”, jew bil-lingwa koeffiċjali tar-reġjun “Indicació Geogràfica protegida” [Indikazzjoni Ġeografika Protetta] u “Cireres de la Muntanya d'Alacant”

Il-marka tal-konformità, magħrufa bħala tikketta sekondarja, trid tiġi inkluża wkoll. Din tiġi identifikata permezz ta' kodiċi alfanumeriku applikat waqt l-ippakkjar u hija soġġetta għal verifiki biex jiġi żgurat li din ma terġax tintuża u biex tippermetti t-traċċabilità.

4. **Definizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika**

Iż-żona tal-produzzjoni tinsab fit-Tramuntana tal-provinċja ta' Alicante u fin-Nofsinhar tal-provinċja ta' Valenzja, fil-Lvant ta' Spanja.

Iż-żona tal-produzzjoni hija magħmula mill-artijiet li jinsabu fil-muniċipalitajiet ta': Agres, Alcocer de Planes, Alcoy, Alfafara, Almudaina, Alqueria de Aznar, Balones, Banyeres de Mariola, Beneixama, Beniarrés, Benifallim, Benillup, Benimarfull, Biar, Cañada, Castalla, Cocentaina, Confrides, Cuatretondet, Facheca, Gaianes, Gorga, Ibi, Jijona, Lorch, Millena, Monóvar, Muro de Alcoy, Penáguila, Pinoso, Planes, Salinas, Sax, Tárben, Tollos, Vall d'Alcalá, Vall d'Ebo, Vall de Gallinera, Vall de Laguarda u Villena fil-provinċja ta' Alicante u Bocarent u Ontinyent fil-provinċja ta' Valenzja.

5. **Rabta maż-żona ġeografika**

5.1. *Speċifiċità taż-żona ġeografika*

Fatturi naturali

Iż-żona tal-produzzjoni hija waħda mill-aktar muntanjużi tal-Komunità Awtonoma ta' Valenzja. Tinsab fl-għoljiet baxxi tal-katina subordinata Betic, b'riżalt strutturali tipiku li jvarja bejn strutturi antiklinali u sinklinali. Dan iwassal għal art muntanjuża b'ħafna irregolaritajiet.

Il-ħamrija hija karatterizzata mill-kontenut għoli ta' karbonat tal-kalċju u min-nuqqas ta' materjal organiku.

It-temperatura annwali medja hija ta' bejn 13-il °C u 15,5-il °C, b'xita medja annwali ta' 350-650 mm. Hija klima Mediterranja moderata, b'temperaturi aktar kesħin u b'aktar xita mill-bqija tal-provinċja.

Fatturi umani

Peress li din hija żona fejn tradizzjonalment titkabbar iċ-ċirasa, il-prattiki ta' tkabbir tajba tal-bdiewa jtejbju l-kwalità tal-prodott. Dawn il-prattiki ta' tkabbir tradizzjonali tajba jikkonsistu minn żbir skont sistema ta' tħarriġ forma ta' vażun u ta' mrewħa, ħrit tal-art, ħsad manwali, u l-għażla tal-frotta f'diversi stadji tal-ħsad meta din ikollha l-aħjar livell ta' maturità.

5.2. *Speċifità tal-prodott*

Iċ-ċirasa hija kkaratterizzata mil-livell għoli ta' ħlewwa (mhux inqas minn 11-il °Brix), mill-kulur aħmar lewn ir-rubini għal aħmar jgħajjat, u mil-laħam sod tagħha ta' kulur roża jagħti fl-aħmar lewn l-inbid. Għandha għamla sferika, u ġeneralment tkun żgħira u ppuntata fin-naħa t'isfel.

5.3. *Rabta kawżali bejn iż-żona ġeografika u l-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott (għad-DOP) jew kwalità speċifika, ir-reputazzjoni jew karatteristika oħra tal-prodott (għall-IĠP)*

Ir-rabta bejn iċ-ċirasa u iż-żona ġeografika hija bbażata fuq ir-reputazzjoni tas-“Cerezas de la Montaña de Alicante”. Din ir-reputazzjoni hija dovuta għall-karatteristiċi organolettiċi tagħha u għall-importanza ekonomika u gastronomika tagħha, kif ukoll għall-importanza tagħha bħala element integrali fil-pajsaġġ taż-żona.

Iż-żona protetta hija kkaratterizzata minn terren prominenti, muntanjuż u irregolari ħafna. L-azjendi agrikoli huma żgħar, u spiss ikunu jinsabu f'għelieqi mtarrġa fl-għoljiet tal-muntanja, li jippermetti li jkun hemm biss linja waħda ta' siġar, u li jagħti lil dan ir-reġjun id-dehra ferm distinta tiegħu. It-temperaturi huma kemxejn aktar baxxi minn dawk li s-soltu jkkaratterizzaw postijiet daqshekk qrib il-Baħar Mediterran.

Dawn il-fatturi jllimitaw b'mod konsiderevoli l-għelejjel fiż-żona, u iċ-ċirasa ilha preżenti għal għexieren ta' snin, biex b'hekk tiffirma pajsaġġ uniku, speċjalment meta l-għalla tiffjorixxi.

L-għarfien espert tal-produtturi fir-reġjun, flimkien ma' snin ta' esperjenza, wasslu għal tekniki xierqa ta' tkabbir għall-produzzjoni b'suċċess taċ-ċirasa f'dawn iż-żoni bi frekwenza ta' ġlata, ta' nixfa u ta' riljev salvaġġ.

Huwa għal din ir-raġuni li l-ipproċessar taċ-ċirasa huwa primarjament artiġjanali, mill-ħsad u l-għażla sal-ippakkjar.

Il-prodott li jirriżulta huwa ċirasa b'livell għoli ta' ħlewwa, b'laħam ta' kulur roża li jagħti fl-aħmar lewn l-inbid, u f'għamla sferika.

Ir-reputazzjoni tas-“Cerezas de la Montaña de Alicante” hija kkorroborata mill-Festival taċ-Ċirasa, li jsir kull sena fir-rebbiegħa. Fih isiru diversi taħditiet, kompetizzjonijiet u attivitajiet li għandhom x'jaqsmu maċ-ċirasa. Hemm mogħdija gastronomika madwar id-diversi bars u ristoranti taż-żona li jagħmlu l-platti ewlenin u d-deżerti miċ-ċirasa l-aktar prodott karatteristiku u awtentiku taż-żona. Isiru wkoll żjarat ta' studju fl-għelieqi taċ-ċirasa, fejn jiġi spjegat it-tkabbir taċ-ċirasa, u fl-impjanti tal-ippakkjar, biex jintwera l-proċess tat-trattament.

F'dawn l-aħħar snin, it-tradizzjoni tat-tkabbir fiż-żona wasslet għal diversi mogħdijiet tal-agroturiżmu, li permezz tagħhom tiġi promossa l-uniċità tal-ambjent influwenzat miċ-ċirasa.

L-influwenza tas-“Cerezas de la Montaña de Alicante” ġiet estiża għall-gastronomija, tant li għal ħafna snin issa, kien hemm riċetti li fihom jintuża dan il-frott, eż. ir-riċetta mill-1992 ibbażata fuq is-“Cerezas de la Montaña de Alicante”, imsejħa “Pure Temptation”.

L-orijini tal-kultivazzjoni taċ-ċirasa fiż-żona tmur lura għas-seklu 16. Illum, is-“Cerezas de la Montaña de Alicante” għadha l-mutur ekonomiku ta' din iż-żona fir-rigward tal-produzzjoni agrikola.

Fi ftit kliem, is-“Cerezas de la Montaña de Alicante” huwa prodott li għandu kwalitajiet organolettiċi speċifiċi (togħma ħelwa u qawwiya), u reputazzjoni ppruvata, li tmur lil hinn minn dak li huwa strettament agrikolu u li testendi għall-gastronomija, għall-pajsaġġ u għall-kultura.

Referenza għall-pubblikazzjoni tal-Ispesifikazzjoni tal-Prodott

(it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament)

http://www.agroambient.gva.es/va/web/desarrollo-rural/consejos-reguladores/-/asset_publisher/BadTUeVQO5DX/content/i-g-p-cerezas-de-la-montana-de-alicante?redirect=http%3A%2F%2Fwww.agroambient.gva.es%2Fca%2Fweb%2Fdesarrollo-rural%2Fconsejos-reguladores%3Fp_p_id%3D101_INSTANCE_BadTUeVQO5DX%26p_p_lifecycle%3D0%26p_p_state%3Dnormal%26p_p_mode%3Dview%26p_p_col_id%3Dcolumn-2%26p_p_col_pos%3D1%26p_p_col_count%3D4

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)